# DEĊIŻJONIJIET TAL-QORTI TA' L-APPELL MIS-7 TA' JANNAR, 1974 SAS-16 TA' DIĊEMBRU 1974*

*Seduta tas-7 ta' Jannar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 1. Giorgina Xerri et vs Albino Saliba et.**

L-atturi ppretendew li l-awtur tagħhom akkwista in enfitewsi mal-konvenuti u ma' ieħor biċċa art, kwarta parti indiviża kull wieħed, u li l-awtur tagħhom kien ħallas fuq dak l-att £M3840 fl-interess ta' l-erba' akkwirenti. L-atturi issa talbu li l-konvenuti jiġu ikkundannati jħallsu £M960 kull wieħed.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talbiet bl-ispejjeż. Kwistjoni ta' kredibilità.

*Seduta tal-14 ta' Jannar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 2. Carmelo Seychell et vs Victor Camilleri.**

Kien sar konvenju bejn il-partijiet fis-sens li l-konvenut kellu jikkonċedi fond in enfitewsi perpetwa lill-atturi, u l-attur kien avvanza lill-konvenut £M500. Il-konvenju skada. L-attur issa talab ir-restituzzjoni tal-£M500 indebitament trattenuti mill-konvenut.

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskizzjoni u laqgħet it-talba.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż. Il-Qorti ddikjarat li l-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 1070 Kod. Civ. ma kenitx applikabbili għal dan il-każ li ma kienx tal-"indebiti solutio".

Il-Qorti kienet ċaħdet ukoll it-talba tal-konvenuti għall-produzzjoni ta' xhud li ma kienx inġieb fl-ewwel istanza, għax ma kienx jirriżulta rilevanti għall-każ.

(Awla Ċivili).

*Din ir-rakkolta hija miġbura mill-Onor. Imħallef G.O. Refalo B.A., LL.D.

**No. 3. P. Pace Asciak vs Brother Emle. Sciberras ne.**

L-attur kien impjegat bħala "teacher" fil-kulleġġ tal-konvenut, u kien ġie sospiż. Issa l-attur talab il-ħlas tas-salarju dovut lilu.

Il-Prim'Awla irriteniet li d-direttur kien qal lill-attur li għalkemm sospiż l-istess jitħallas; u kkundannat lill-konvenut iħallas £M51.30 salarji sa l-aħħar tas-sena skolastika.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell ta' l-attur li kien ippretenda li kellu jitħallas għal perijodu itwal.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 4. Mary Brincat vs Guido Muscat.**

L-attriċi talbet dikjarazzjoni li l-konvenut irreselixxa mill-għerusija, u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi £M547.25.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell tal-konvenut u kkonfermat.

Il-parti l-kbira tad-danni kienet għal telf ta' pagi li sofriet l-attriċi li kienet impjegata bħala "nurse" u telqet mill-impjieg għax kienet se tiżżewweġ.

Kwistjoni ta' provi.

*Seduta tas-16 ta' Jannar 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 5. George Casha vs Joseph Camilleri.**

L-attur ippretenda li kien xtara mingħand il-konvenut magna li tinċana, u talab il-kundanna tal-konvenut għall-konsenja ta' dik il-magna f'terminu.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u ordnat li l-ispejjeż tat-trasport tal-magna għand l-attur jitħallsu mill-attur. Spejjeż għall-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

*Seduta tat-18 ta' Jannar 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 6. Marianna, armla Camilleri vs Salvatore Sant.**

L-attriċi kienet tikri dar mingħand il-konvenut u fil-ġardina ta'

din id-dar kien hemm bieb għall-fond tal-konvenut. L-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat jagħlaq dak il-bieb, u fin-nuqqas, li tiġi awtorizzata tagħlqu hi.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba bl-ispejjeż, billi rritjeniet li dik il-ġardina ma kienetx mikrija kollha lill-attriċi.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attriċi bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

### No. 7. Doris Grech vs Anthony Grech.

B'digriet tal-Prim'Awla, il-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attriċi għaliha u għal bintha minuri pensjoni alimentarja provviżorja ta' £M3.50 fil-ġimgħa; spejjeż riservati.

Fuq appell tal-konvenut, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat bl-ispejjeż.

Il-Qorti rritjeniet li l-alimenti provviżorji jistgħu jingħataw f' kawża magħmula mill-mara esklusivament għall-ħlas ta' l-alimenti.

Mhux meħtieġ li l-mara tagħmel kawża għas-separazzjoni personali biex tottjeni l-alimenti mingħand żewġha.

### No. 8. Carmelo Ellul Sullivan et ne vs Anthony Callus et.

L-attur ne talab il-ħlas ta' £M264.88,5 talli ġarr l-għamara tal-konvenut mill-Awstralja għal Malta. Il-konvenut kien impjegat mall-Gvern u ppretenda li dak l-ammont kellu jitħallas mill-Gvern li ġie kjamat fil-kawża. Il-Gvern kien ħallas dak li kien dovut skond ir-regolamenti.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-konvenut appella u fil-kors ta' l-appell biddel id-difiża tiegħu u ppretenda li l-attur kien għamillu xi konċessjonijiet oħra. Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell u kkonfermat bl-ispejjeż, billi l-konvenut ma ppruvax it-teżi tiegħu.

### No. 9. Antonio Micallef De Caro ne vs Giuseppe Gatt et.

L-attur talab lill-konvenuti jiġu kkundannati jiddemolixxu dak li huma bnew abusivament u klandestinament fl-għalqa tiegħu.

Il-Prim'Awla ċaħdet l-eċċezzjoni ta' użukapjoni u ġie dikjarat li l-art kienet ta' l-attur u laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenuti u kkonfermat bl-ispejjeż.

Ma kienx jirriżulta li l-konvenut kien jippossjedi "animo domini".

### No. 10. Maria Portelli et vs Marcel Grima.

B'att notarili l-atturi biegħu lill-konvenut biċċa art kontra l-kor-

rispettiv li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas nofs lira fis-sena u inperpetwa għal quddies.

L-atturi issa ppretendew li dak l-att kien rixindibbli minħabba leżjoni "ultra dimidium".

Il-Qorti tal-Maġistrati għal Għawdex (Superjuri Ċivili) laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ddikjarat li dak l-att ma kienx bejgħ u għalhekk ma kienx rixindibbli minħabba leżjoni, u ċaħdet it-talbiet, spejjeż bla taxxa.

L-atturi appellaw; il-konvenut eccepixxa l-inkompetenza tal-Qorti ta' l-Appell.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza bl-ispejjeż.

L-attriċi qabel ma introduċiet l-appell kienet otteniet stima tal-fond.

F'dan il-każ billi l-meritu jivverti fuq ħaġa indeterminata imma determinabili u l-liġi ma tipprovdi ebda mezz ieħor għad-determinazzjoni ħlief stima, il-proċedura segwita kienet dik regolari għax suġġerita mill-liġi.

Pero l-istima li saret isservi biss għall-fini tad-deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u mhux għad-deċiżjoni tal-meritu tal-kawża.

*Seduta tat-28 ta' Jannar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 11. Emle. Lungaro Mifsud ne vs Fred Damanin.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jikkonsenjalu 200 xkora għalf li kien selfu, jew alternativament li jħallas il-prezz. Il-konvenut eccepixxa li kien irritornhom.

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' kredibilità.

(Awla Ċivili).

**No. 12. Frans Sammut vs Arthur Micallef.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas £M425 prezz ta' materjal u xogħol ta' bini.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba limitatament għal £M324.60. bl-ispejjeż skond ir-rebħ u t-telf.

Il-konvenut appella u eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn (Art. 2254(a) Kod. Civ.)

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet il-preskrizzjoni u ċaħdet l-appell u ikkonfermat bl-ispejjeż għall-konvenut.

Il-Qorti irriteniet li l-preskrizzjoni kienet ġiet interrotta; għall-kumplament, kienet kwistjoni ta' provi.

**No. 13. Leonardo Abela et vs Giov. Cuschieri et.**

L-atturi ppretendew li l-konvenut kien iddemolixxa ħajt ta' sqaq u reġa' bnieh mhux fuq il-linja diviżorja iżda fuq in-naħa ta' l-isqaq u b'hekk okkupa parti mill-proprietà ta' l-atturi. Il-ħajt tassejjieħ qabel kien oħxon żewġ piedi u nofs, u reġa' ġie mibni tal-kantun singlu, u b'hekk il-konvenut rebaħ l-art ta' taħt il-ħajt.

Il-konvenut eccepixxa li l-ħajt in kwistjoni kien proprietà esklusiva tiegħu.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż għall-atturi, ħlief l-ispejjeż dwar il-kjamata in kawża li kienet ġiet mitluba mill-konvenut li ġew akkollati lill-konvenut.

L-atturi appellaw, u l-konvenut appella inċidentalment mill-kap ta' l-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell prinċipali bl-ispejjeż kontra l-atturi u ċaħdet dak inċidentali bl-ispejjeż relativi bla taxxa, u ikkonfermat.

Kwistjoni ta' provi dwar il-proprietà tal-ħajt.

Dwar l-ispejjeż tal-kjamata in kawża, il-konvenut kien sejjaħ fil-kawża lill-min begħlu l-fond, il-konvenut kien ġustifikat jagħmel hekk u għalhekk l-ispiża addizzjonali hekk provokata kienet neċessarja u kwindi kellha tippartecipa, bħala aċċessorju, min-natura ta' l-ispejjeż tal-konvenut stess, u għalhekk kellhom jiġu akkollati lill-atturi. Pero minħabba iċ-ċirkostanzi tal-każ kien hemm lok għall-temperament tal-kap ta' l-ispejjeż.

**No. 14. Michael Galea ne et vs Michael Galea.**

Ir-rikorrenti talbu r-ripreża tal-fond mikri lill-intimat għax dan kien moruż fil-ħlas tal-kera.

Il-Bord tal-Kera għal Għawdex laqa' t-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-intimat bl-ispejjeż.

L-intimat ippretenda li l-interpellazzjonijiet għall-ħlas li saru mill-appellati għan-nom ta' ommhom meta din kienet "moħħa ħafif" ma kienux validi legalment. Din il-pretensjoni kienet ġiet respinta.

*Seduta ta' l-1 ta' Frar 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 15. Avv. Leslie Grech ne vs Kummissarju Taxxi Interni.**

Ir-rikorrent talab li l-Qorti tagħti l-istima ta' fond fil-Mosta li l-Kummissarju kien stmah £M4281 waqt li hu kien stmah £M3281.

Il-Qorti ta' l-Appell, wara li innominat perit, stmat il-fond £M2500, bl-ispejjeż għall-Kummissarju, u ffissat id-drittijiet ta' l-Avukati u tar-Reġistru.

**No. 16. Guseppi Cumbo et vs Nazzareno Fenech et.**

L-atturi talbu li l-kuntratt li bih il-konvenuti kienu assumew il-ħlas ta' dejn, jiġi dikjarat null minħabba nuqqas ta' kawża, minorità tal-partijiet u ta' wieħed mix-xhieda; u li jiġu revokati l-mandati ta' sekwestru u ta' qbid kontra tiegħu.

Il-Prim'Awla akkoljiet it-talba minħabba nuqqas ta' kawża. L-atturi kienu assumew id-dejn, għax favur tagħhom kellu jiġi trasferit bastiment tas-sajd, imma trasferiment fil-fatt ma sarx.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell tal-konvenuti Fenech u ikkonfermat.

*Seduta ta' l-4 ta' Frar, 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 17. Bartolomeo Aquilina vs Joseph Sacco et.**

L-attur talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jirrestitwulu s-somma ta' £M1320, l-għamara u l-oġġetti prezjużi li kien ħalla għandhom.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell tal-konvenuti rriformat billi rriduċiet is-somma li l-konvenuti kellhom jirrestitwixxu għal £M960.

L-attur kien ħalla għand bintu mart il-konvenut il-flus u l-għamara meta mar joqgħod magħhom.

Meta l-attur ried il-flus u l-mobbli lura, il-konvenuti ppretendew li kienu nefqu dawk il-flus għall-bżonnijiet ta' l-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell iffissat £M6 fix-xahar bħala kumpens għall-manteniment li l-konvenuti taw lill-attur, u dawn oltri flus oħra li kien tahom. Għalhekk is-somma ġiet ridotta għal £M960.

**No. 18. Mary Falzon Sant Manduca vs Albert Agius Ferrante ne.**

Ara Sentenza Appell 8.1.1971 (No. 1/1971). Fil-mori tal-kawża, il-meritu safa eżawrit.

Il-Qorti tat provediment dwar l-ispejjeż.

*Seduta tas-6 ta' Frar 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 19. Carmelo Calleja vs Carmela Attard.**

L-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tirrifondilu £M34 li hu ħallasha meta xtara mingħandha linfa li suppost kienet tal-bronż, imma rriżulta li ma kenitx tal-bronż.

Il-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat vizzjat permezz ta' żball il-kunsens ta' l-attur, iddikjarat il-bejgħ null, u kkundannat lill-konvenuta tirrifondi l-prezz. Spejjeż bin-nofs.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenuta u kkonfermat bl-ispejjeż.

*Seduta tal-11 ta' Frar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 20. Carmelo Calleja et vs John Micallef.**

L-atturi kienu sensala fuq konvenju għall-bejgħ ta' raba mill-konvenut lil Schembri; u l-konvenut kien obbliga ruħu li jħallas £M300 lill-atturi bħala senserija; f'kawża oħra l-konvenut kien ottjena kundanna ta' Schembri biex jersaq għall-att ta' bejgħ, imma l-konvenut ma insistiex li jsir il-kuntratt.

L-attur issa talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M250 bilanċ tas-senserija, u l-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-imgħax mid-data ta' l-iskrittura u bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat fis-sens li l-ħlas kellu jsir bħala kumpens għall-prestazzjonijiet li l-atturi rrindew u mhux bħala senserija, bl-ispejjeż.

Il-ġurisprudenza stabbiliet li meta sensal (mhux dak kontemplat mill-liġi kummerċjali li jeħtieġ rekwiżiti speċjali) ilaqqa' l-partijiet u jsir il-ftehim u dan wara għal xi raġuni jew oħra li ma tkunx it-tort jew il-fatt tiegħu nnifsu, ma jiġix effettivament esegwit u t-trasferiment ma jsirx, mhiex dovuta provviżjoni għall-medjazzjoni vera u proprja, imma fil-każijiet kongrui meta dan ikun ġustifikat fil-fattispecie jista' jkun dovut kompens li jiġi fissat mill-Qorti "arbitrio boni viri" u in bażi għaċ-ċirkustanzi kollha tal-każ għall-opra minnha prestata, u ġie ukoll ritenut, għalkemm mhux f'bosta każijiet, li l-ammont tal-kumpens hekk likwidabbli jista' f'ċerti każijiet partikulari jasal ukoll għall-ekwivalenza mas-somma li kienet tkun dovuta bħala senserija vera u proprja (Bezzina vs Mula App. Civ. 3.6.1968 u każijiet hemm citati). Ġie ukoll diversi drabi ritenut li kumpens tali jista' jingħata fuq l-istess ċitazzjoni għad li f'din tkun ġiet mitluba senserija u mhux kumpens, salva l-kwistjoni ta' l-ispejjeż (Vol. XXXIX. i. 389. XVIII. ii. 261).

**No. 21. Elizabeth Vassalo et vs Francoise Sultana et.**

Il-konvenuti kellhom "estate agency", u l-attriċi talbet il-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas ta' somma li kellha tiġi likwidata għas-serviġi li rrenditilhom.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba u kkundannat lill-konvenuta tħallas £M104 u l-ispejjeż.

Fuq appell tal-konvenuta, il-Qorti ta' l-Appell irriformat billi ikkundannat lill-konvenuta tħallas £M84; l-ispejjeż kollha jitħallsu 1/5 mill-attriċi u 4/5 mill-konvenuta.

Il-konvenuta ppretendiet li l-attriċi kellha titħallas biss kummissjoni fuq il-bejgħ u mhux tas-serviġi. Din il-pretensjoni tal-konvenuta ġiet respinta mill-Qorti.

(Awla Ċivili).

**No. 22. Avv. Dr. Carmelo Caruana vs Jos. Attard Kingswell.**

L-attur ippretenda li ġie inġurjat minn foljet stampat mill-istamperija li tagħha l-konvenut kien stampatur, u talab il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni fit-termini ta' l-art. 31 tal-liġi ta' l-Istampa.

Il-Prim'Awla ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u cioè (i) li billi hu kien impjegat ma kienx tenut personalment għad-danni, u (ii) li l-istampatur ma kienx passibbli ta' l-azzjoni ċivili a bażi ta' l-imsemmi art. 31. Bl-ispejjeż għall-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut, bl-ispejjeż.

**No. 23. George Scerri vs Carmela Ellul et.**

L-attur ippretenda li hu kien ittollera lill-missier il-konvenuti juża parti mill-bejt tal-fond tiegħu u issa talab li l-konvenuti jiġu ikkundannati jagħtu lura lilu dak il-bejt u jneħħu minn fuqu l-affarijiet li għamlu u dan f'termini, billi jekk huma jonqsu hu jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħol taħt direzzjoni ta' perit.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba ta' l-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

Il-bejt inkwistjoni kien sovrappost għall-proprietà tal-konvenuti u għalhekk dawn kellhom favur tagħhom il-presunzjoni tal-liġi (Art. 360 Kod. Civ). Biex tiġi spustata l-presunzjoni jeħtieġu provi preponderanti u mhux ekwivoċi jew konġetturali (App. Kum. Fenech vs Salomone 1 ta' Frar 1971); il-prova kuntrarja trid tkun konkludenti (App. Civ. 25 ta' Marzu 1968 Borg vs Schembri, u App. Civ. 20 ta' Lulju 1970 Galea vs Tanti. Ara ukoll App. Civ. 6 ta' Diċembru 1968 Jos. Camilleri vs Espedito Farrugia.)

*Seduta tal-15 ta' Frar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 24. Gio Batta Camilleri et vs Joseph M. Briffa.**

Il-konvenut kien ħa fond in enfitewsi għal 17-il sena u wara li spiċċat l-enfitewsi żamm il-fond b'kera. L-atturi ppretendew li l-konvenut qatt ma ħallihom jidħlu jaraw il-fond u talbu li l-Qorti tordna li jsiru t-tiswijiet meħtieġa fil-fond, u jekk il-konvenut jonqos li huma jiġu awtorizzati jagħmlu x-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut.

Il-Prim' Awla laqgħet it-talba fis-sens li ordnat lill-konvenut isewwi l-aperturi, l-gallarija, balavostri tal-bejt, u s-shutter.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

(Awla Ċivili).

**No. 25. Helen Farrugia et vs Rosette Ripard et.**

Kawża dwar danni kaġunati minn kolliżżjoni ta' karozzi.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attriċi bl-ispejjeż.

Il-kolliżżjoni ġrat billi l-attriċi qalgħet il-karozza minn "parking place" f'Salini Road, biex tmur għan-naħa opposta tat-triq, u ħabtet ma' karozza tal-konvenuta li kienet għaddejja mill-"main road".

*Seduta tat-18 ta' Frar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 26. Calcedonio Ciantar vs Thomas C.E. Campbell Preston ne.**

L-attur kellu stabbiliment għall-bejgħ tal-petrol u ppretenda li skond il-ftehim, il-konvenut ne kellu jħallsu għall-petrol u żejt fornut lilu, sold fil-gallun oltre l-basic profit li soltu jitħallas lill-rivendituri, u għalhekk l-attur talab li l-konvenut ne jiġi kkundannat jħallas lilu £M2061.14.2. kalkulati fuq il-bejgħ magħmul mill-attur mill-1962 sal-1969 bħala "special rebate" kalkolat fuq dak il-ftehim.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Fuq appell tal-konvenut nomine il-Qorti ta' l-Appell irrevokat u ċaħdet it-talbiet, salv favur l-attur kull dritt ieħor lilu spettanti; l-ispejjeż kollha bla taxxa, dritt tar-reġistru kontra l-attur.

Kwistjoni dwar interpretazzjoni ta' klawsola ta' kuntratt.

(Awla Ċivili).

**No. 27. Carmelo Scerri vs Emle. Portelli et.**

B'kawża preċedenti Emm. Portelli kien ottjena l-kundanna ta'

Clo. Scerri u martu għall-ħlas ta' £M142 lilhom mislufa, u dan fil-kontumaċja tal-konvenuti.

L-attur issa b'libell talab ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża u ippretenda li n-notifika lilu ta' dik iċ-ċitazzjoni kienet irrita għax (a) l-attur ma kienx indika fuq l-att li kopja waħda kellha sservi biex tinnotifika aktar minn persuna waħda, u (b) għax il-persuna li għandha tħalla l-att, ma tagħtux l-att.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-libellant bl-ispejjeż.

In-notifika kienet saret lil Maria Scerri għaliha u għal żewġha f' darhom, u hi ma wrietx dak l-att lil żewġha. (Ara Kollez. Vol. IX p. 323/324 "Rosario Leonardini vs Enrico Cauchi et")

Il-Qorti iddistingwiet bejn każ ta' purgazzjoni tal-kontumċja (li tippostula notifika proċeduralment valida), u każ ta' notifika irregolari u għalhekk nulla.

**No. 28. Ganni Gauci vs Salv. Mangion ne.**

L-attur ippretenda li fix-xogħlijiet ta' drenaġġ magħmula mill-Public Works, kienu ġew kaġunati danni f'ġiebja tiegħu, u għalhekk talab (i) li l-konvenut jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji biex jiġu evitati danni ulterjuri lill-attur, u (ii) il-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet ta' l-attur għax ma ġewx pruvati.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur, u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' fatti.

**No. 29. John Azzopardi vs Antonio Attard.**

Appell minn degriet tal-Prim'Awla li kienet innominat perit legali f'kawża li kienet ġiet appuntata bl-urġenza.

Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat id-degriet u rrinvjat l-atti lill-Prim'Awla.

"Una volta akkordata l-urġenza u kkunsidrat il-konċett ta' din fil-liġi u l-ġurisprudenza tagħna, il-Qorti ma tantx tara' kif dan seta' jwassal għall-provvediment mogħti fit-termini li fih ġie mogħti li fih innifsu jxejjen din l-urġenza." (Il-Prim'Awla kienet iddifferiet il-kawża għal tlett xhur għall-preżentata tar-relazzjoni).

**No. 30. AIC L.C. Spiteri vs Charles Galea et ne.**

L-attur talab il-ħlas ta' £M560 bilanċ ta' drittijiet għall-xogħlijiet professjonali.

Il-Prim'Awla ddikjarat ruħha nkompetenti "ratione materiae".

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ u irrinvjat l-atti lil dik il-Qorti.

**No. 31. Giuseppa Bonnici vs Ewan Pace.**

L-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat jikkonsenja lilha l-flus u oġġetti mħollija lilha b'legat minn oħtha mart il-konvenut.
Il-Prim'Awla rriteniet li l-flus, titoli u stocks imħollija lill-attriċi kienu dawk li jifformaw parti mid-dota tat-testatriċi u li sehem it-testatriċi mill-komunjoni ta' l-akkwisti ma kienx inkluż fil-legat. Il-Qorti ordnat lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi tlett kutri. Spejjeż 9/10 għall-attriċi.
Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell ta' l-attriċi u kkonfermat bl-ispejjeż.

**No. 32. Victor Fava vs Michele Peresso.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur £M199.30,8 bl-interessi.
Il-Prim'Awla rrespinġiet it-talba bl-ispejjeż.
Il-kwistjoni kienet tinvolvi interpretazzjoni ta' sentenza.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat bl-ispejjeż.

*Seduta tal-20 ta' Frar 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 33. Clo. Bartolo ne vs Henry Bellizzi ne.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut ne għar-rifużjoni ta' £M8.20 minnu mħallsa indebitament bħala dazju.
Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba, spejjeż bla taxxa.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.
Interpretazzjoni tal-kelma "jinkludi".

**No. 34. Lorenzo Mangion vs Guzeppi Farrugia.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M30 għal 3 xhur kera ta' ħanut.
Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat, spejjeż bla taxxa.
Il-konvenut kien jikri mingħand l-attur b'£M40 fix-xahar; u l-attur jgħid li ftehmu li billi l-konvenut kien ser iħalli l-ħanut, hu jħallas bl-£M10 fix-xahar. Il-Qorti rriteniet li f'dan il-każ ma kienx hemm novazzjoni.

*Seduta tat-22 ta' Frar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 35. Avv. Dr. P. Mallia ne vs Kontrollur tal-Proprieta Industrijali.**

Appell minn deċiżjoni tal-kontrollur li ċaħad it-talba għar-reġistrazzjoni ta' "M.R. Pox" bħala Trade Mark għall-farmaċewteċi.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell bl-ispejjeż.

*Seduta tal-25 ta' Frar 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 36. Charles Debono vs James Sawyer et.**

L-attur talab il-ħlas ta' £M63.13,2 bilanċ ta' self ta' flus, u in linea ta' danni l-ħlas ta' somma li tiġi likwidata għall-kera jew storage ta' l-altezzi tal-konvenut fl-istore tal-attur.
Fil-kors tal-kawża, il-konvenut ħallas £M50.
Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet fil-meritu l-appell ta' l-attur u kkonfermat, bl-ispejjeż ta' l-appell għall-attur, pero ordnat li l-ispejjeż tal-prim'istanza jitħallas skond ir-rebħ u telf rispettiv.
Kwistjoni ta' provi.

**No. 37. Leslie Friedman ne vs George Gatt Mangion pro et ne.**

L-attur talab il-ħlas ta' £M37.15. prezz ta' "coat" ordnat mill-konvenut u konsenjat lilu. Il-konvenut ippretenda li l-attur kien irregala dak il-coat għall-Miss Malta.
Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba, bl-imgħax kummerċjali mill-konsenja u bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż.
Kwistjoni ta' provi.

(Awla Ċivili).

**No. 38. Amabile Falzon et vs Antonio Viola et.**

Il-kontendenti kienu qasmu bejniethom biċċa raba; il-konvenuti riedu jibnu garage fuq ir-raba tagħhom u talbu lill-atturi biex jibnu il-ħajt diviżorju fuq iż-żewġ fondi, u l-atturi rrifjutaw. Fil-fatt, il-konvenuti bnew dan il-garage, u bnew il-ħajt fuq tat-tnejn.
L-atturi issa talbu (i) li jiġi prefiss terminu biex il-konvenuti jiddemolixxu dak il-ħajt li għamlu fuq il-proprietà tagħhom, u jiġi dikjarat li l-konvenuti kkommettew spoll, u l-atturi jiġu awtorizza-

ti jagħmlu x-xogħol meħtieġ a spejjeż tal-konvenut jekk dan jonqos.
Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenuti u kkonfermat bl-ispejjeż.
Min jibni fond, għandu jibni l-ħajt fuq il-linja medjana tal-konfini tal-fond tiegħu, u mhux nofsu fuq tiegħu u nofsu fuq tal-ġirien.
(Art. 471, 455, 362, 363, 608, 472, 446 (3) u 457 Kodiċi Ċivili.)

**No. 39. Clotilde Psaila vs Direttur tas-Servizzi Soċjali.**

Appell mid-deċiżjoni ta' l-Arbitru.
Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell, irrevokat id-deċiżjoni ta' l-Arbitru u dik tad-Direttur u ddikjarat li l-appellanti kellha dritt għall-"unemployment benefit" mid-19 ta' Ġunju 1972; bl-ispejjeż għad-Direttur.
Psaila kienet impjegata mal-Militar f'St. Andrews bħala "parttime dinner helper," u ġiet liċenzjata għax l-impjieg tagħha spiċċa minħabba l-vakanzi tas-sajf. Fil-fatt kull Ottubru kienet terġa' tiġi impjegata mill-ġdid.
L-Art. 12 (4)(d) ta' l-Att VI tal-1956 ma kenitx applikabbli għax kien ġie pruvat li l-impjieg ta' l-appellanti kien spiċċa.

**No. 40. Emle Buttigieg et vs Charles Mizzi et.**

F'Għawdex ġrat kolliżżjoni bejn van misjuqa minn Manwel Mizzi, awtur tal-konvenuti, u motor cycle misjuq minn Victor Galea, li fuqu kien riekeb bħala pillion rider it-tifel Eukaristico Buttigieg, bin u hu l-atturi. Tant Manwel Mizzi kemm Eukaristico Buttigieg sfaw mejtin.
L-atturi issa talbu (i) li Mizzi jiġi dikjarat responsabbli għall-mewt ta' Buttigieg, u konsegwentement għad-danni sofferti mill-atturi; (ii) il-likwidazzjoni tad-danni, u (iii) il-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas.
Fil-kors tal-kawża ġew imsejħin fil-kawża kuraturi "de jure" tal-wirt ta' l-imsemmi Victor Galea.
Wara li nnominat perit u periti perizjori, il-Qorti ta' Għawdex, Superjuri Ċivili laqgħet it-talbiet u ddikjarat responsabbli tal-kolliżżjoni lil Mizzi fi 3/5 u lil Galea fi 2/5, illikwidat id-danni fi £M71.48 għad-"damnum emergens" u £M3175 għall-"lucrum cessans" u kkundannat lill-konvenuti Mizzi jħallsu £M1947.78.8, u lill-kuraturi tal-wirt ta' Galea jħallsu £M1298.59.2, bl-ispejjeż a proporzjon.
L-atturi appellaw kwantu għall-kwantum tal-lucrum cessans, u l-

Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat, spejjeż t'appell bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-appellanti.

"Il-ġurisprudenza teskludi enfatikament li f'każ ta' mewt minn fatt illeċitu l-grad ta' dipendenza hu fattur essenzjali u 'sine qua non' biex l-eredi jiġġustifikaw għad-danni taħt l-art. 1089 Kod. Civ." (Ara Appell Petrie vs Ciappara 22.6.1964)

"Dana pero ma jfissirx l-invers, cioè li f'kull każ il-grad ta' dipendenza ta' l-eredi ma għandux u ma jistax jiġi meħud inkonsiderazzjoni fl-istima tas-somma lilhom risarċibili;" (Ara ukoll Appell Bonnici vs Felice 15/1/71)

F'dan il-każ wara żmien li t-tifel Buttigieg kien ġie midfun, niesu akkwistaw qabar u reġgħu difnuh fih. Dawn l-ispejjeż tattieni difna kienu ġew ammessi mill-ewwel Qorti.

*Seduta ta' l-1 ta' Marzu 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 41. Victor Vassallo ne vs Avv. Dr. Ian Refalo et ne.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut ne għall-ħlas ta' £M347 prezz ta' merkanzija spedita lid-ditta konvenuta.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Fuq appell tal-konvenuti ne, il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-kawża kienet ġiet maqtugħa qabel ma l-kuratur irċieva l-informazzjoni meħtieġa minn għand il-konvenuti. Kien ovvju li lill-kuraturi riedet tingħata l-opportunità li jġibu l-provi tagħhom.

Fil-meritu rriżulta l-konvenuti kienu "Sales agents" ta' l-attur u huma kienu jġibu dik l-ordni minn għand ditta oħra, u kienet din idditta li kellha tħallas għall-merkanzija.

(Awla Ċivili).

**No. 42. Mons. Clo. Xuereb vs Lino Cassar.**

L-attur ippretenda li ġie inġurjat b'artikolu ta' gażżetta u talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' mhux aktar minn £M400, li jiġi likwidat bħala riparazzjoni ta' l-inġurja u risarċiment tad-danni.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba, iddikjarat l-artikolu nġurjuż u ikkundannat lill-konvenut iħallas £M30.

Il-konvenut appella, u l-attur appella inċidentalment dwar iddanni. Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet iż-żewġ appelli, dak prinċipali bl-ispejjeż għall-konvenut, dak inċidentali bl-ispejjeż bla taxxa.

Il-Qorti kienet taħseb li l-ammont likwidat kien pjuttost baxx iżda fil-kompless ma dehrilhiex li tiddisturba d-diskrezzjoni użata mill-ewwel Qorti.

*Seduta ta' l-4 ta' Marzu 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 43. Gaetano Mallia vs Charles Brincat.**

L-attur kien kompropjetarju ta' garage, u l-konvenut kien jokkupa l-fond attigwu. L-attur ippretenda li l-konvenut għamel xi xogħlijiet fil-fond tiegħu, u ostakola t-tieqa tal-garage, u talab li l-konvenut jiġi kkundannat ineħħilu kull xogħol li għamel, f'terminu, u fin-nuqqas, l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħol hu.

L-attur talab il-kjamata in kawża tal-kompropjetarju l-ieħor tal-garage.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba għall-kjamata in kawża, u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għax l-attur ma kienx l-uniku propjetarju tal-garage, bl-ispejjeż għall-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż irrevokat, u rrinvjat il-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

Fil-kors ta' l-appell l-attur kien sar uniku propjetarju tal-garage b'xiri mill-kompropjetarju l-ieħor.

F'dan il-każ il-kjamata in kawża messha ngħatat (Ara App. Inf. 26.4.71 Vincenzina Cassar vs Ant Vella).

Inoltri, l-attur seta' jaġixxi indipendentement mill-kompropjetarji l-oħra (Ara App. Civ. Fred. Ciappara vs Clo. Caruana, XLV. i. 13, u App. Civ. Scicluna vs Azzopardi 3.4.64).

*Seduta tas-6 ta' Marzu 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 44. Paolo Casha et vs Gpe. Meli.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jisgombra minn fond minnu okkupat bla titolu.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż.

Il-konvenut kellu in enfitewsi temporanju dan il-fond; wara li għalqet l-enfitewsi, l-Housing Secretary irreqwiżizzjona l-fond, u l-konvenut tħalla jokkupa l-fond, u hu ħallas il-kera lill-Housing Secretary. Wara l-fond ġie "deriquisitioned". L-atturi qatt ma kienu irrikonexxew lill-konvenut bħala inkwilin.

Skond l-art. 46(1) u (2) Kap. 109 is-sinjifikat tal-kelma "kiri" ma japplikax "to accomodation provided by the Government in requisitioned premises". Ir-rapport li nħoloq bejn l-appellant u s-Segretarju tad-Djar, meta l-appellant ġie akkomodat fil-fond in forza tar-reqwiżizzjoni ma kienx rapport ta' lokazzjoni vera u propja iżda rapport "sui generis" regolat mill-Housing Act, u minn disposizzjonijiet amministrativi talvolta applikabbili inkluż il-ftehim (Ara ukoll App. Civ. Maġġur Ch. Vella vs Henry Brincat 23.5.69).

*Seduta tat-8 ta' Marzu 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 45. John Hall vs P.C. 976 Alf. Falzon.**

Kawża dwar kolliżżjoni.

Il-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat iż-żewġ kontendenti responsabili nofs kull wieħed, u kkundannat lill-konvenut iħallas £M17.10. lill-attur, spejjeż bin-nofs.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur, spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-appellant.

*Seduta tal-15 ta' Marzu 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 46. Jos. Runza vs Accountant General.**

Il-konvenut kien ordna lill-attur 50 par "illuminated pedestrian crossing signs" u "floodlights" u wara li kienu ġew imwaħħla xi signs, ħassar il-kuntratt.

L-attur talab li jiġi prefiss terminu biex il-konvenut jawtorizża lill-attur jikkompleta l-istallazzjoni ta' l-apparat għat-terminu tal-kuntratt, u indifett il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur £M5275.75 valur miftiehem ta' l-appalt.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba alternativa u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur £M4707.59 b'dan li l-attur kellu jikkonsenja lill-konvenut is-"signs" mhux imwaħħla; bl-ispejjeż skond ir-rebħ u telf.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Il-konvenut kien ippretenda li s-"signs" ma sarux skond l-ispecifications ordnati; din il-pretensjoni ġiet riġettata għax irriżulta li t-tibdil sar bl-approvazzjoni tal-perit tal-Public Works inkarigat minn dawn ix-xogħlijiet. Il-Prim'Awla wara li semgħet il-provi kien-

et ċaħdet it-talba tal-konvenut għan-nomina ta' perit tekniku biex tirrelata fuq il-mod kif l-attur kien iffabbrika dawn is-signs.
Kwistjoni ta' provi.

**No. 47. Onor. Perit Carm. Lino Spiteri vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi.**

L-attur talab li jiġi likwidat l-ammont dovut lilu għax-xogħol li għamel ta' "consultant to survey and design the sewage scheme for Qawra, Bugibba", u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammont hekk likwidat.
Il-Prim'Awla fil-kontumaċja tal-konvenut ikkundannatu jħallas lill-attur £M2,000, bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut li kien ippretenda li l-ewwel Qorti messa nnominat perit.

**No. 48. M.A. Axiak vs Rev. P. Alb. Borg ne et.**

L-attur talab li jiġi deċiż (i) li ċerta kamra kienet inkluża fil-lokazzjoni magħmula lilha mill-konvenut P.A. Borg ne u għalhekk il-lokazzjoni magħmula lill-konvenut Briffa kienet nulla;
(ii) il-kundanna tal-konvenut Briffa biex jisgombra mill-istess kamra.
Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet, l-ispejjeż jitħallsu 1/4 mill-konvenut Padre Borg u 3/4 mill-konvenut Briffa.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut Padre Borg u kkonfermat bl-ispejjeż.
Il-Konvenut Briffa kien appella wkoll, imma l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert.
Kwistjoni ta' fatti.

*Seduta tat-18 ta' Marzu 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 49. Antonio Ellul et vs Leonardo Sacco et.**

Azzjoni negatorja.
L-attur talab li jiġi ddikjarat li l-konvenuti ma kellhomx dritt jgħaddu minn fuq ir-raba tiegħu għar-raba tagħhom la bir-riġel u lanqas bil-karozza, u talab li l-konvenuti jiġu inibiti milli jgħaddu minn dik il-mogħdija.
Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Il-konvenuti ppretendew li billi l-fond tagħhom kien interkjuż huma akkwistaw id-dritt tal-passaġġ bil-preskrizzjoni ta' tletin sena. Huma ppretendew li anki jekk ikun hemm passaġġ li jkun pratikabbili pero minħabba l-wisa' limitata tiegħu ma jippermettix it-transitu minnu ta' inġenji moderni xorta l-fond għandu jitqies interkjuż.

Dan il-pont ma ġiex investit għax ma kienux jirriżultaw ir-rekwiżiti tal-preskrizzjoni, billi l-passaġġ pratikat kien b'tolleranza biss.

(Dwar l-art. 506 u 484 Kod. Civ. Ara Appell 18 t'Ottubru 1921 Sammut utrinque Vol XXIV. i. 875).

**No. 50. Yolanda Camilleri vs Fr. S. Fava.**

Ir-rikorrenta talbet ir-ripreża tal-fond mikri lill-intimat, għax reditu għaliha u offriet "alternative accomodation."

Il-Bord tal-kera ċaħad it-talba billi rritjena li r-rikorrenta ma kellhiex bżonn il-fond, għax l'"alternative accomodation" kienet tajba għaliha, bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrenta, spejjeż kollha bla taxxa.

Il-Qorti rriteniet li l-fond offert ma kienx "suitable" la għar-rikorrenta u lanqas għall-intimat. Pero rriteniet li l-"hardship" ta' l-intimat kien akbar.

**No. 51. Joseph Peralta et vs Kap. Edward Peralta.**

Kawża dwar diviżjoni.

B'sentenza tal-14 ta' Novembru 1969 il-Prim'Awla ddikjarat li il-konvenut kellu dritt li jeżerċita l-azzjoni msemmija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu dwar fond urban billi kien kompropjetarju tal-fond viċin.

B'sentenza tas-26 t'April 1972 il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet u ordnat id-diviżjoni.

L-atturi appellaw miż-żewġ sentenzi u talbu dikjarazzjoni li d-dritt t'azzjoni f'dan il-każ ma kienx ammissibbli.

Il-Qorti ta' l-Appell, laqgħet l-appell, irrevokat l-ewwel sentenza iddikjarat li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-konvenut ma kellux, dritt li jeżerċita l-azzjoni msemmija bl-ispejjeż relativi għaż-żewġ stanzi kontra l-konvenut; u ddifferit il-kawża għall-kontinwazzjoni;

F'dan il-każ ma kienx hemm għad-diviżjoni fondi oħra urbani ta' valur ugwali li l-konvenut ried jieħu b'azzjoni.

(Art. 540 Kod. Civ-derivata mill-Paragrafu VI ta' Kap III talktieb IV tal-Kodiċi Muniċipali, u jirriproduċi l-art. 316 Ord IV tal-

1864, u Art. 199 Ord VII/1868.)

Id-dritt t'azzjoni huwa dritt eċċezzjonali ħafna u li jidderoga għall-prinċipju ġenerali tas-sorteġġ tal-porzjonijiet minħabba l-ugwaljanza li għandu jkun hemm bejn il-partijiet u għalhekk f'materja eċċezzjonali u odjuża ma tistax issir interpretazzjoni estensiva għax fil-"jus-singolare exceptiones sunt strictissimae interpretationis" (Vol XXXI.i.325).

"Per la legalità della detta assegnazione è necessario che i beni rimasti di un valore uguale sieno anche della stessa natura dei beni dei quali si voglia l'assegnazione, perchè nella divisione, se è praticabile, i beni urbani, ed i migliori beni urbani non devono darsi all'uno e lasciarsi all'altro i soli beni rustici, ed anche dei beni urbani, i quali sieno di un valore notabilmente inferiore a quello dei beni urbani dati all'altro condividente" (Vol III pag 508) (Ara wkoll Vol XXXII.ii.291.)

*Seduta tal-20 ta' Marzu 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 52. Frank Vella vs Saviour Agius.**

Kawża dwar kolliżżjoni u ħlas ta' danni.

Il-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat li l-kolliżżjoni saret tort tatmejn u kkundannat lill-konvenut iħallas £M6.83.7 għax ġew konsiderati d-danni sofferti mill-konvenut; spejjeż bin-nofs.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat blispejjeż.

**No. 53. Domenico Pantalleresco vs Thomas Aquilina.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex jikkonsenja lura l-oġġetti li hu kien xtara mingħand mart l-attur li ma kellhiex il-kunsens ta' żewġha biex tbigħhom, u li l-konvenut kien ikkonsenta li jirrestitwixxi.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talbiet prevju l-pagament da parti ta' l-attur ta' £M35, spejjeż għall-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat blispejjeż.

*Seduta tat-22 ta' Marzu 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 54. Carlo Vella vs George Xuereb.**

Ara Sentenza Appell tat-22 ta' Marzu 1973 (No. 45/73).

Il-Qorti ta' l-Appell wara li nnominat tlett periti, laqgħet parzjalment l-appell u rriduċiet għal £M807.55. ammont bilanċjali dovut lill-appellat, l-ispejjeż ġew imqassma.

(Awla Ċivili).

**No. 55. Ant. Degiorgio vs Ant. Camilleri.**

L-attur ippretenda li l-gallarija tal-fond tal-konvenut ma kienetx fid-distanza legali mill-ħajt diviżorju; u talab li l-konvenut jiġi ikkundannat jikkonforma ruħu mal-liġi f'terminu.

Il-Prim'Awla laqgħet l-eċċezzjoni u ddikjarat li l-fond tal-konvenut kien igawdi servitu fuq il-fond ta' l-attur, u ċaħdet it-talba bl-ispejjeż. Il-Qorti rriteniet li s-servitu ġiet stabilita per destinazzjoni ta' missier il-familja, billi ż-żewġ fondi issa maqsuma, kienu ta' sid wieħed, u kien hu li ħalla l-ħaġa f'dak l-istat.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi dwar meta saret il-gallarija.

*Seduta tad-29 ta' Marzu 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 56. John Pullicino vs Emle. Sciclüna.**

Il-kontendenti kienu għamlu xi xogħol bi sħab. L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jirrendi kont lill-attur tax-xogħol li għamel bi sħab ma' l-attur, u dana f'terminu.

Il-Qorti tal-Kummerċ illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju billi laqgħet l-eċċezzjoni li l-konvenut ma kienx persuna leġittima li joqgħod f'ġudizzju, bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat bl-ispejjeż.

L-attur kien ikkontratta mhux mal-konvenut personalment imma bħala "managing director" tal-kumpanija.

(Awla Kummerċjali).

**No. 57. Mariella Ellul vs Espedito Coleiro ne.**

In-nannu ta' l-attriċi, xtara nofs indiviż ta' dar f'tas-Sliema. L-attriċi talbet li jiġi deċiż (i) li dak in-nofs tad-dar kien jappartjeni lill-assi soċjali ta' dak in-nannu u martu (ii) li l-konvenut jirrifondi il-kera inkassat, (iii) li l-konvenut jiġi inibit milli jkompli jinkassa il-kera.

Il-konvenut eccepixxa li Giov. Coleiro kien xtara dak in-nofs għan-nom u fl-interess ta' Coleiro Brothers Limited.

Il-Prim'Awla laqgħet l-ewwel u t-tielet talba.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell tal-konvenut u rrevokat u ċaħdet it-talbiet ta' l-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ stanzi kontra l-attriċi.

Mill-provi kien jirriżulta li Giov. Coleiro kien xtara dak is-sehem tal-fond bi flus u fl-interess tad-ditta u mhux tiegħu personali.

"Bil-mod li hija formulata l-istanza attriċi, din għandha bħala presuppost tagħha, in tema legali, il-possibilità li nonostante l-fatt li l-att ta' l-akkwist kien f'isem l-awtur ta' l-attriċi, il-pretensjoni tad-ditta konvenuta li l-propjetà akkwistata kienet tagħha, għax akkwistata fl-interess u bi flus tagħha, kienet sostenibili. Altrimenti l-istanza kienet tkun konċepita differentement". L-attriċi ma setgħetx tbiddel in-natura ta' l-azzjoni eżerċitata.

**No. 58. A. Zahra vs N. Spiteri ne et.**

L-attur akkwista b'enfitewsi temporanja terran mingħajr l-arja tiegħu u ġie miftiehem li fuq dak it-terran ma setax jinbena ħlief sular wieħed. Il-konvenuti akkwistaw l-arja ta' dak it-terran u bdew jibnu fuqu.

L-attur issa talab li (i) il-konvenuti jiġu inibiti milli jibnu iktar minn sular wieħed, (ii) li jħottu dak li bnew iktar minn sular wieħed, (iii) li l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħol hu a spejjeż konvenuti, fil-każ li dawn jonqsu.

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talbiet, spejjeż bla taxxa, għax il-patt li ma setax isir bini iktar minn sular wieħed fuq dak it-terran, ma kienx ġie insinwat.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat, spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-appellant.

Dik ir-restrizzjoni ta' bini fuq dak it-terran kienet tikkostitwixxi servitu.

L-iskrizzjoni fir-Reġistru Pubbliku, tikkostitwixxi forma ta' pubbliċità essenzjali.

L-effettiva konnoxxenza da parti tat-terz tal-kostituzzjoni ta' servitu mhiex opponibbli lill-istess terz in sostituzzjoni ta' l-iskrizzjoni li ma ġietx esegwita, ħlief fil-każ li jkun hemm deduzzjoni pattizja ta' l-eżistenza tas-servitu fl-att tal-aljenazzjoni lit-terz.

(Ara Koll. Vol. X. p. 589).

(Awla Ċivili).

**No. 59. Giuseppa Bugeja vs Kummissarju ta' l-Art.**

Il-kwistjoni devoluta lill-Prim'Awla kienet jekk il-fond espropr-

jat, kwantu għan-natura tiegħu, kellux jiġi konsiderat riferibilment għall-epoka li saret id-dikjarazzjoni tal-Gvern, jew inkella għal dik tal-ħruġ ta' l-Avviż għall-ftehim. L-attriċi kienet tippretendi li kellha tiġi kkunsidrata fiż-żmien li saret id-dikjarazzjoni tal-Gvern.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq l-appell ta' l-attriċi rrevokat u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, spejjeż kollha bin-nofs.

Bejn il-kontendenti kien hemm malintiż li ġie kjarat fil-verbali, u il-partijiet ma kellhomx aktar interess fil-kawża.

*Seduta ta' l-1 t'April 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 60. Giuseppe Ferrero ne vs Kontrollur tad-Dwana.**

Il-Prim'Awla b'digriet iddikjarat in-notifika tal-konvenut biċ-ċitazzjoni nulla, u awtorizzatu jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet.

L-attur appella b'rikors minn dak id-digriet.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat, spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-appellant.

F'dan il-każ il-konvenut kien sar jaf li saret ċitazzjoni kontra tiegħu u bagħat uffiċjal il-Qorti ħalli jieħu kopja; meta dak mar għall-kopja qalulu biex imur għaliha erbat ijiem oħra; u meta reġa' mar tawhielu. Meta l-messaġġier tahielu, huwa għamel ir-riferta tan-notifika fis-sens li l-konsenja saret lill-Uffiċjal tad-Dwana u fid-Dwana. Il-konvenut ma kienx jaf li hu ġie notifikat b'dak il-mod, u stenna li ssir in-notifika.

Il-kontumaċja tippostula notifika regolari. Dan ma kienx każ ta' notifika regolari. Ir-referta bil-mod li saret ma kenitx tirrispekkja il-fatti veri dwar fejn saret il-konsenja tal-kopja, u għalhekk in-notifika kienet irregolari, u għalhekk il-konvenut ma kienx kontumaċi.

*Seduta tat-8 t'April 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 61. John Fernandez ne vs Clo. Muscat ne.**

L-attur (il-Malta Landing & Shipping Co. Ltd) talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M444.99.1. għall-ammont ugwali mħallas mill-attur bħala "overtime charges" billi l-konvenut kien żbarka "refrigerated cargo" wara l-ħinijiet normali tax-xogħol.

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talba, spejjeż mingħajr taxxa dritt tar-reġistru għall-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-attur, irrevokat, u laqgħet it-talba, spejjeż kollha bla taxxa, dritt tar-reġistru għall-konvenut.

Il-konvenut, li kien l-importatur ta' dik il-merkanzija, kien jippretendi li dik l-ispiża kellha tiġi mħallsa mill-vapur li skarika l-merkanzija.

L-oġġezzjoni tal-konvenut kienet bażata fuq il-prattika antecedenti għad-dħul fis-seħħ tal-Port Regulations 1966.

Dwar il-fatt li l-konvenut ma kienx għamel "request" għall-overtime, il-Qorti osservat li dan m'għamlux sempliċement biex ma jippreġudikax ruħu, u mhux għax ma riedx li x-xogħol tal-konsenja isir wara l-ħin, anzi l-konvenut jgħid li hekk isir.

**No. 62. Peter Darmanin ne vs Steward Pearce pro et ne.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M129 bilanċ ta' prezz ta' reklam.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba fil-konfront tal-kjamat in kawża.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-imsejħin fil-kawża u ikkonfermat bl-ispejjeż ta' l-appell.

Ma jistax ikun hemm dubbju skond il-liġi li l-kjamat in kawża jista' jiġi wkoll ikkundannat (Art. 961 Proc). Il-kjamati in kawża b' kuntratt kienu akkwistaw l-"assets u liabilities" tal-Melita Hotel. Irriżulta li l-kjamati in kawża kienu jafu b'dan id-dejn minn qabel il-kuntratt.

**No. 63. Brian Mizzi et ne vs Ant. G. Sammut ne.**

L-atturi kienu krew "concrete mixer" lill-konvenut bit-£M8 kuljum u meta talbuhulu, il-konvenut iddepożitah il-Qorti. L-atturi talbu li jiġi deċiż li dak id-depożitu kien null, li l-konvenut jiġi kkundannat jirritornah, u fin-nuqqas iħallas il-valur tiegħu, u li jiġi kkundannat iħallas il-kera li jiġi likwidat.

Il-Qorti tal-Kummerċ iddikjarat id-depożitu null u kkundannat lill-konvenut jirritornah fi żmien jumejn, bl-ispejjeż għall-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat, spejjeż kollha bla taxxa dritt tar-reġistru għall-konvenut.

Il-Qorti tal-Kummerċ kienet iddikjarat id-depożitu null għax ma saritx qabel l-offerta u ma kienx hemm rifjut ta' dik l-offerta.

Il-Qorti ta' l-attur osservat: li billi l-konvenut ma setax jissekwestra l-"mixer" f'idejh stess, "skond il-prattika li ilha aċċettata minn żmien, hu seta' jgħaddi għad-depożitu ġudizzjarju tal-'mixer' preordinatament għal dana s-sekwestru. Basta f'dan ir-rigward tiġi

ċitata l-frażi użata fis-sentenza reportata fil-Vol. XXXV.iii.670 fejn tissemma "l-proċedura tad-depożitu liberu u sekwestru susseg-wenti kif isir is-soltu."

(Awla Ċivili)

**No. 64. Ant. Abela ne vs Dr. Lino Agius et ne.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M1003 bi-lanċ ta' somma akbar għall-xogħol u materjal.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell tal-konvenut annullat is-sentenza u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti għad-deċiżżjoni. Spejjeż ta' l-ew-wel stanza riservati għad-deċiżżjoni finali, dawk ta' l-appell bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur ne.

Fid-data meta ngħatat is-sentenza, il-kawża ma kenitx differita għas-sentenza.

F'ċirkostanzi simili hu naturalment mistenni li tingħata ċerta la-titudini u li tiġi aċċertata sew il-pożizzjoni dwar il-kontestazzjoni tal-kuraturi qabel ma l-kawża tiġi deċiża.

**No. 65. Giuseppe Farrugia et vs Carmelo Zarb et.**

B'sentenza preċedenti kien ġie deċiż li l-konvenut kellu titolu ta' lokazzjoni għall-parti mill-fond. L-atturi talbu li jiġi deċiż liema partijiet mill-fond il-konvenut kellu dritt jokkupa.

Il-Prim'Awla ddikjarat li l-konvenut kellu dritt jokkupa l-fond kollu ħlief tlett ikmamar fil-pjanterren, bl-ispejjeż għall-atturi.

Fuq appell ta' l-attur il-Qorti ta' l-Appell irriformat billi esklu-diet ukoll "garage". L-ispejjeż kollha jitħallsu 5/6 mill-atturi u 1/6 mill-konvenut.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 66. Frans Cremona et. vs Teresa Micallef et.**

L-atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jisgumbraw mill-flat mikri lill-konvenuta, għax din kienet qegħda tużah għall-pros-tituzzjoni.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba bl-ispejjeż, għax l-atturi ma ppru-vawx l-allegazzjonijiet minnhom magħmula.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell ta' l-attur u kkonfermat bl-ispejjeż.

"Mhux biżżejjed li jiġu murija ċirkustanzi u anki diversi ċirkus-tanzi biex talvolta in generale jixħtu ċerta ombra fuq il-kostumi ta' l-appellata, iżda jeħtieġ li jiġi speċifikatament u konvinċente-

ment muri li l-appellata qegħda tuża l-flat in kwistjoni għall-prostituzzjoni."

**No. 67. Joseph Bonanno vs Joseph Scerri.**

L-attur talab l-isgumbrament tal-konvenut minn fond mikri lilu li kien dekontrollat, għax l-attur ma riedx iġġedded il-lokazzjoni.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba għax il-fond kien mikri lill-konvenut minn qabel ma ġie dekontrollat.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat bl-ispejjeż.

Ara Sentenza "Mary Mallia vs. Jos. Xuereb" App. Civ. 8 ta' Marzu 1968; Concetta Galea vs George Borg Myatt App. Inf. 25 ta' Marzu 1966 u Mary Gallo vs. Ant. Attard App. Civ. 8 ta' Jannar 1971.

**No. 68. Maria Assunta Scorfna et. vs. Madalena Schembri et.**

L-attriċi ppretendiet li l-konvenuta ħadet £M400 flus u mobbli li jiswew £M70 minn għand l-awtur tagħha, u talbet ir-restituzzjoni ta' l-istess.

Il-Prim'Awla kkundannat lill-konvenuta tħallas lill-attriċi £M108.85 bl-imgħax legali; spejjeż 4/5 l-attriċi, u 1/5 il-konvenuta.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell tal-konvenuta rriformat, billi rriduċiet l-ammont dovut mill-konvenuta għall-£M103.85; Spejjeż ta' l-appell 19/20 konvenuta, u 1/20 attriċi.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 69. John Saliba vs Maria Concetta Micallef.**

L-attur kien xtara dar mingħand il-konvenuta; u wara skopra li fil-fond kien hemm żbokk għall-"inspection chamber" mid-drenaġġ tal-"garage" kontigwu tal-konvenuta, u ppretenda li dan kien jikkostitwixxi servitu u kien difett latenti. L-attur għalhekk talab (i) biex il-konvenuta tneħħi dik il-konnessjoni fid-drenaġġ f'terminu, (ii) li jekk tonqos, il-konvenuta tirrifondi somma ammontanti għall-ispiża neċessarja biex titneħħa dik il-konnessjoni, prevja dikjarazzjoni li dik il-konnessjoni kienet vizju latenti skopert mill-attur li jintitolah jitlob nuqqas tal-prezz.

Il-Prim'Awla ddikjarat l-ewwel talba inammissibili, u t-tieni talba perenta bl-ispejjeż għall-attur.

Fuq appell ta' l-attur irrevokat, u laqgħet l-ewwel talba u ffissat terminu, spejjeż bin-nofs, u ddefferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni.

Il-Qorti kkonsidrat il-fatt lamentat bħala li jikkostitwixxi servi-

tu, u l-attur kien xtara dak il-fond bħala liberu minn servitu. Dan ma kienx każ ta' vizzji redibitorji.

**No. 70. Ant. Calleja vs Carmela Calleja.**

Provvediment dwar il-kura tat-tfal. Il-Prim'Awla ordnat li t-tifla komuni tinżamm mill-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell tal-konvenuta, irrevokat u ordnat li t-tifla (ta' taħt 3 snin) provviżorjament tibqa' għand l-omm. Spejjeż ta' l-appell bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur.

L-interess suprem tat-tfal.

**No. 71. Grace Vassallo vs Joseph Borg.**

L-attriċi talbet li l-konvenut jiġi ddikjarat missier naturali tat-tarbija li kellha, u li jiġi kkundannat jissomministra pensjoni alimentarja lit-tifla u jħallas in linea ta' danni l-ispejjeż li ħallset l-attriċi fl-okkażżjoni tat-twelid tat-tarbija.

Il-Prim'Awla laqgħet l-ewwel żewġ talbiet (it-tielet kienet ġiet ċeduta) u ffissat il-pensjoni f'£M9 fix-xahar.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

(Awla Ċivili).

**No. 72. Victor A.G. Mallia vs Fedele Dalli.**

Omm il-konvenut b'kuntratt kienet innominat lill-attur biex jamministralha xi flats ammobiliti. Il-konvenut kien ħa ċ-ċwievet ta' dawn il-flats mid-dar ta' l-attur.

L-attur ippretenda li l-konvenut ikkommetta spoll, u li hu jiġi reintegrat fid-detenzjoni ta' dawk iċ-ċwievet.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba u tat lill-konvenut tmint ijiem żmien biex iqiegħed lill-attur fil-pożizzjoni li kien fiha qabel.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Ma hemmx irritwalità jew nullità tal-petizzjoni billi titħalla xi parti in bjank; f'dan il-każ fil-petizzjoni ta' l-appellant id-data tax-xahar tan-nota ta' l-appell tħalliet in bjank.

Ir-Reġistratur m'għandux jaċċetta atti li fihom ikun hemm spazji vojta.

*Seduta tad-9 t'April 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 73. Emle. Schembri vs. Joseph Schembri.**

L-attur talab li l-konvenut jirritornalu l-oġġetti kollha li hu kellu għandu fiż-żmien li kien joqgħod miegħu.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba limitatament għall-ħadida tal-mogħdija, spejjeż bla taxxa.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat, spejjeż bla taxxa.

*Seduta tat-22 t'April 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 74. Anna Paris vs Emle. Mifsud.**

Il-Prim'Awla ddikjarat ruħha inkompetenti "ratione materiae." Il-konvenut kien neguzjant. Kien fumar u kellu minn tnejn sa erbgħa min nies impjegati regolarment miegħu.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat definitivament li l-Qorti kompetenti kienet il-Qorti tal-Kummerċ, u rrinvjat l-atti lil dik il-Qorti.

*Seduta tas-17 ta' Mejju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 75. Giuseppe Attard et vs Giuseppe Buhagiar.**

Il-Prim'Awla laqgħet l-eċċezzjoni t'inkompetenza "ratione materiae", għaliex il-konvenut kien kummerċjant u kawża li kienet tivverti fuq l-usurpazzjoni ta' propjeta mmobiljari magħmula in konnessjoni ma' l-eżerċizzju ta' kummerċ kienet ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ. (P.A. 26.6.54 Soler vs Gambin, Vol XXXVIII. ii.523. Appell 10.1.1955).

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ.

**No. 76. Antonia, armla Bonnici vs Lorenzo Attard.**

Ir-rikorrenta talbet quddiem il-Bord tal-Kontrollur tal-Qbejjel għall-Għawdex, li tiġi awtorizzata tittermina l-lokazzjoni għax riedet ir-raba għall-użu tal-familja tagħha, u li jiġi likwidat il-kumpens li seta' kien dovut lill-intimat.

Il-Bord laqa' t-talba u ffissa l-kumpens fi £M17.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-intimat u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' "bżonn" u ta' "hardship".

Dwar il-kap ta' l-ispejjeż il-Qorti osservat li ma ntaxxatx għa-

liex it-titolari ta' dritt għandu jiġi b'xi mod penalizzat sempliċiment għax jiddeċidi li jesperih.

*Seduta tat-22 ta' Mejju 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 77. Maria Schembri vs Andrea Schembri.**

L-attriċi talbet l-iżgumbrament tal-konvenut mill-kumditajiet tarrazzet mikri lilha.

Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba, billi favur il-konvenut kien hemm sullokkażżjoni, bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attrici bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' kredibilità.

**No. 78. Jos. Calleja vs Gwenn Mark et.**

L-attur talab il-kundanna għall-ħlas ta' £M23.93.9 prezz ta' "groceries" mibjugħa lill-konvenuta.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u rriservat favur il-konvenuta kull azzjoni lilha kompetenti rigward il-bilanċ minnha preiż kontra l-kjamat in kawża.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attriċi u kkonfermat bl-istess riserva.

*Seduta tal-24 ta' Mejju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 79. Violet Demanuele vs Emmanuele Demanuele.**

L-attriċi talbet li l-konvenut żewġha jiġi kkundannat iħallas l-alimenti lilha u l-uliedha.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba u kkundannat lill-konvenut iħallas £M9 fil-ġimgħa, bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

**No. 80. Anna Attard vs Katerina Attard et.**

L-attriċi talbet li biċċa art li kienet komuni għat-tlett kontendenti tiġi maqsuma bejniethom.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba bl-ispejjeż, billi rriteniet li l-art kienet ta' waħda mill-konvenuti.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-attriċi, irrevokat u

rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti, spejjeż kollha bla taxxa.
Kwistjoni dwar interpretazzjoni ta' testment.

*Seduta tas-27 ta' Mejju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 81. Louis Galea vs Joseph Seguna.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma likwidabbli għall-ħsara kaġunata f'"car" li l-attur kien kera lill-konvenut.

Il-Prim'Awla kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur £M35.97.5, spejjeż 4/5 għall-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell tal-konvenut irriduċiet l-ammont likwidat għal £M30.97.5. Spejjeż ta' l-appell 6/7 għall-appellant.

**No. 82. Simeone Chetcuti vs Grace Hubback.**

L-attur talab l-iżgumbrament tal-konvenuta minn ħanut minħabba inadempjenza tal-ftehim.

Il-Prim'Awla ddikjarat ruħha inkompetenti ratione materiae.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ u irrinvjat l-atti lil dik il-Qorti.

*Seduta tal-31 ta' Mejju 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 83. Lawrence J. Manche vs Louis Galea ne.**

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talba ta' l-attur f'rikors sabiex jinġunġi xhieda għall-esibizzjoni ta' dokumenti u għall-mistoqsijiet addizzjonali, wara li l-kawża kienet tħalliet għall-finali trattazzjoni.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell b'rikors ta' l-attur u kkonfermat bl-ispejjeż.

Hu prinċipju li l-Qorti ta' l-Appell ma tindaħalx in linea ta' massima fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel stanza dwar l-ammissjoni u regolament tal-provi ħlief meta dik id-diskrezzjoni tkun ġiet eżerċitata ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi.

(Awla Ċivili).

**No. 84. Anthony Panzavecchia vs Emle. Spiteri.**

Kawża dwar kolliżżjoni stradali.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż billi rriteniet lill-attur unikament responsabbli ta' l-inċident.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

Il-Qorti għandha toqgħod fil-limiti tal-kawżali kif dedotta fiċ-ċitazzjoni.

L-attur kellu ħtija għax ħareġ minn triq sekondarja u nvada l-karreġġjata tal-konvenut. L-eċċess marġinali ta' l-ispeed limit da parti tal-konvenut fiċ-ċirkostanzi ma jikkontribwix għall-event dannuż u lanqas għall-entità tad-danni fil-karozza ta' l-attur.

## No. 85. Luigi Picci vs Salv. Caruana.

Kawża dwar kolliżżjoni bejn karozzi.

Il-Prim'Awla ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli, u ikkundannatu jħallas id-danni likwidati fi £M671.20, b'dan li l-konvenut kien intitolat li jieħu l-karozza ta' l-attur fl-istat li kienet.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell tal-konvenut irriformat billi rreteniet lill-konvenut responsabbli fi 3/4, u l-kjamat in kawża fi 1/4 u llikwidat id-danni risarċibbli lill-attur fi £M621.20.0. Spejjeż 3/4 mill-appellant u 1/4 mill-kjamat in kawża.

L-imsejjaħ fil-kawża kien għaddej minn Valletta Rd, u beda jikser għal fuq il-lemin tiegħu biex jidħol f'ta' Qali; il-konvenut kien ġej warajh u kien beda jipprova jissorpassa lill-kjamat in kawża, iż-żewġ karozzi ħabbtu, il-konvenut tilef il-kontroll u l-car tiegħu investa lill-car ta' l-attur provenjenti mid-direzzjoni opposta; l-attur bħala "evasive action" kien kiser malajr lejn il-lemin tiegħu.

Il-ħtija tal-kjamat in kawża kienet li hu ma tax "well in advance" sinjal li kien ser idur.

## No. 86. Frank Diss ne vs Alb. Agius Ferrante L.P. ne.

L-attur talab li jiġi deċiż li l-braken ma kienux suġġetti għal taxxa tal-boll taħt l-art. 57 ta' l-Istamp Duty Ordinance (Kap 68) u ir-rifużjoni ta' £M286.18. minnu mħallsa indebitament.

Il-Prim'Awla ċaħdet l-ewwel talba, u laqgħet it-tieni limitatament għal £M33, spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell ta' l-attur u kkonfermat, spejjeż tat-tieni stanza bħal ta' l-ewwel.

Il-Qorti rriteniet li barkun kien bastiment għall-fini ta' dik il-liġi.

## No. 87. Joseph Genovese et vs Peter Bellizzi.

Kawża dwar kolliżżjoni bejn cars.

Il-Prim'Awla rriteniet li l-attur u l-konvenut kienu ugwalment

responsabbli, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur, £M1 għall-nofs id-danni, l-ispejjeż nofs mill-attur, kwart mill-attriċi, u 1/4 mill-konvenut.

Fuq appell ta' l-attur il-Qorti ta' l-Appell irriformat u ddikjarat l-attur responsabbli fi 1/4, u l-konvenut, fi 3/4, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur £M41.66.4 u lill-attriċi £M1.50. spejjeż kollha 3/4 għall-konvenut, u 1/4 għall-atturi bejniethom.

Il-kolliżżjoni ġrat fi triq tal-kampanja dejqa u serpeġġjanti, u f' liwja fejn ma jgħaddux żewġ karozzi.

*Seduta tat-3 ta' Ġunju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 88. Hermann Coppola vs Ewan Vella.**

L-attur talab li jiġi deċiż li r-reġistrazzjoni ta' post bħala "de-controlled" ma jkollhiex effett għax saret wara li l-post kien mikri lilu.

Il-Prim'Awla ddikjarat ruħha inkompetenti għax il-konvenut kien neguzjant u kien jinnegozzja fil-bini ta' djar, u għalhekk l-att kien att tal-kummerċ għalih.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ.

*Seduta tal-10 ta' Ġunju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 89. Emmanuela sive Lilian Adey Birch vs Dione Aquilina.**

L-attriċi talbet li jiġi ddikjarat li l-konvenut kien il-missier naturali ta' binha Ivan u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilha rata ta' manteniment għall-minuri.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet u ffissat £M3 fil-ġimgħa għall-manteniment tal-minuri; wara li ċaħdet b'degriet it-talba tal-konvenut biex isir "blood test."

Il-konvenut appella tant mid-degriet kemm mis-sentenza.

Fil-kors ta' l-appell, bil-kunsens tal-kontendenti, kien sar il-"blood test" u t-tabib ikkonkluda li ma kienx hemm kontra l-possibilità li l-appellant kien il-missier naturali tat-tarbija.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat eżawrit l-appell mid-degriet, u ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż. Il-Qorti osservat li l-prova ta' l-eżami tad-demm sabiex tiġi assodata l-paternità ta' tifel, tista' ssir meta l-partijiet jakkonsentu għaliha (Koll, Vol. XXXVI.i.297).

*Seduta tat-12 ta' Ġunju 1974.*

(Sedi Inferjuri)

**No. 90. Joseph Demicoli vs Ronald Borg.**

Kawża dwar kollizzjoni bejn cars.

Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-konvenut responsabili f'2/3 u ikkundannatu jħallas £M10.66.6.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat. Il-konvenut kien għaddej "wrong side."

*Seduta tas-17 ta' Ġunju 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 91. Sidney Gatt ne vs Alf. Zammit Cutajar ne et.**

L-attur ħarrek lill-aġenti tal-vapur, u lill-Malta Landing & Shipping Co Ltd, biex jiġu kkundannati jħallsu £M190.7. valur ta' merkanzija li ma ġietx konsenjata.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba fil-konfront ta' l-aġent tal-vapur, u lliberat lill-konvenut l-ieħor bl-ispejjeż għall-konvenut Zammit Cutajar ne.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut Zammit Cutajar ne u kkonfermat bl-ispejjeż.

Il-vapur biex jeżimi ruħu mir-responsabilità għall-merkanzija għandu juri li wassalhom l-art jew fuq il-barkun, għaliex huwa f' dan is-sens li għandha tiftiehem, fiċ-ċirkostanzi, il-kelma "discharge" użata fil-polza ta' kariku.

"Altru huwa li jiġi konstatat li sar it-'tally' fl-istiva u altru li jiġi pruvat li dak li ġie 'tallied' fl-istiva ġie fil-fatt imtella minnha u 'discharged' mill-vapur."

*Seduta tal-24 ta' Ġunju 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 92. Emanuele Tabone vs Nazzareno Barbara.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M181.15. prezz ta' 43 vjaġġ ġebel erba' tyres u differential lilu mibjugħa u konsenjati.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 93. Avv. Dr. G.G. Gatt ne vs Paul Mifsud ne.**

L-attur fittex lill-aġent tal-vapur u lill-Malta Landing & Shipping Co. għal £M489 danni mħallsa mill-kumpanija assikuratriċi liddestinatarju tal-merkanzija talli ma rċeviex erba' kaxxi merkanzija.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba fil-konfront ta' l-aġent talvapur bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut Mifsud bl-ispejjeż u osservat li għalkemm il-proċess ta' l-iskarikazzjoni jibda tassew bl-imbragas, huwa ma jieqafx hemm. Tinħtieġ il-prova ta' l-iskarikazzjoni la ma tridx tkun ġenerika u nkompleta.

(Awla Ċivili).

**No. 94. Joseph Vella vs Joan Antida Xuereb.**

L-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas id-danni kaġunati lilu, għax hi kienet il-kaġun tal-ksur ta' l-għerusija ta' bejniethom.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

L-azzjoni eżerċitata kienet dik kontrattwali ordinarja bażata fuq il-prinċipju ġenerali tal-obbligazzjonijiet, bħala distinta minn dik speċjali akkordata bil-Proklama No. VI tal-20 ta' Ġunju 1834 (Kap. 7) għall-konsegwiment ta' kumpens fi flus għall-inġurja patwita f' każ ta' resiliment inġust minn wieħed mill-kontraenti u li għaliha hemm bżonn li l-promessa tkun saret b'att pubbliku jew skrittura privata skond l'art. 1277(1)(g) tal-Kodiċi Ċivili (Ara Vol XXIV.i. 291 u 945 u Vol XXV.ii.114).

Għall-kumplament kwistjoni ta' provi.

**No. 95. Salvatore Zammit et vs Neriku Sammut.**

Il-kontendenti kienu propjetarji ta' bini kontigwu u l-konvenut għamel xi xogħlijiet f'setaħ u taraġ li kienu komuni għall-kontendenti. L-atturi issa talbu li l-konvenut jiġi kkundannat ineħħi f' terminu dak li għamel, għax dak kien sar mingħajr il-kunsens ta' l-atturi, u in difett li l-atturi jiġu awtorizzati jagħmlu x-xogħol huma.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Il-konvenut kien ippretenda li s-setaħ fejn kien għamel ix-xogħol, kien propjetà esklużiva tiegħu, il-Qorti rriteniet li dak kien komuni. Kwistjoni t'interpretazzjoni t'att ta' diviżjoni.

*Seduta tas-26 ta' Ġunju 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 96. Stella Baldacchino vs Lukardu Borg.**

L-attriċi talbet l-iżgumbrament tal-konvenut minn għalqa minnu okkupata bla titolu.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

*Seduta tat-28 ta' Ġunju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 97. Baruni F. Manduca Azzopardi et vs Arturo Buttigieg et.**

L-attur talab (i) ix-xoljiment ta' l-enfitewsi għax il-fond kien id-deterjora u għax il-konvenuti m'għamlux il-manutenzjoni tal-fond kif kienu obbligaw ruħhom, (ii) id-divoluzzjoni tal-fond u (iii) li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma li tiġi likwidata għad-danni fil-fond.

Il-Prim'Awla ddikjarat li l-atturi kellhom dritt jipproponu dik il-kawża, għalkemm fil-kuntratt ma kienx ġie stipulat il-patt tar-riżoluzzjoni għar-rigward ta' tagħriq tal-fond. B'sentenza oħra, il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet.

Il-konvenuti appellaw, u fil-kors ta' l-appell il-partijiet ittransiġew il-kawża, u l-Qorti tat sentenza skond il-ftehim. L-enfitewsi ġiet riżoluta b'effett minn dik inhar.

**No. 98. Godwin Grech vs Anthony Zammit.**

Kawża dwar kolliżżjoni. L-attur ippretenda ħlas talli kera karozza oħra għal 117 jum sakemm issewwiet il-karozza tiegħu, għad-depreciation fil-car tiegħu għall-ispejjeż ta' tobba.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba u kkundannat il-konvenut iħallas £M406.45 li minnhom £M250 kienu għall-deprezzament.

Il-konvenut appella mill-ammont iffissat għall-kiri ta' car u għad-deprezzament, u l-Qorti ta' l-Appell irriformat billi rriduċiet is-somma tad-deprezzament, għal £M150.

F'materja ta' danni f'kolliżżjonijiet stradali, ir-regola hi tar-restitutio in integrum, pero din hi kwalifikata minn oħra li timponi fuq l-attur id-dmir li jieħu dawk il-passi li huma raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li jimmitigaw id-danni konsegwenti għall-fatt illeċitu, b'mod li jista' jiġi eskluż fil-każijiet kongrui min riżarċiment ta' dik il-

parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jiehu dawk il-passi.
F'dan il-każ il-karozza damet biex tissewwa għax riedu jinġiebu l-ispare parts minn Sweden, u l-attur ma kellu ebda tort f'dan.
Dwar id-deprezzament, il-Qorti osservat li biex din tingħata jrid ikun hemm ħsara serja u rilevanti, u li l-każ ikun jittratta minn karozza ta' ċerta kwalita u finezza u kważi ġdida, u li jkun faċli li l-"market value" tal-karozza jitbaxxa.

**No. 99. Giuseppe Falzon et. vs. Nutar G. Bonello du Puis ne. et.**

L-attur kien issulloka fond għall-każin lill-konvenuti, u dawn għamlu alterazzjonijiet strutturali fil-fond mingħajr il-permess ta' l-atturi, u b'hekk ikkaġunaw ix-xoljiment tal-lokazzjoni ta' l-atturi, li għalhekk talbu (i) li l-konvenuti jiġu ddikjarati responsabbli tad-danni, (ii) li jiġu kkundannati jħallsu d-danni li jiġu likwidati.
Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet u kkundannat lill-konvenuti jħallsu £M1,585 danni, daqs kieku l-lokazzjoni kellha ddum għaxar snin oħra.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenuti bl-ispejjeż.

**No. 100. Paolo Gauci vs Francis Frendo.**

Kawża dwar kolliżżjoni bejn karozza u "truck".
Il-Prim'Awla rriteniet lill-konvenut unikament responsabbli u ikkundannatu jħallas £M53.75 danni li ġew likwidati bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.
Il-konvenut kien issorpassa l-linja medjana tat-triq, għamel "overtaking" mingħajr ma żamm "a proper look out" u kien għaddej b' velocità superjuri għal dik permessa mir-regolamenti.

**No. 101. Mary Bezzina et vs Emmanuele Vella.**

Il-Qorti ċaħdet it-talba ta' l-appellanti għas-soprassessjoni għax hi kienet ippreżentat kawża għall-annullament tas-sentenza. L-appellat kien oppona ruħu.
Ara Vol XXXII.ii.197, App. 10.3.67 Caterina Gerada vs. Dr. Jos. Caruana, u App. 27.1.1967 Caterina Gerada vs. Avv. Ant. Caruana.

(Sedi Inferjuri).

**No. 102. Ant. Schembri vs Joseph Cassar.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jiżgombra minn għalqa minnu okkupata bla titolu.
Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-attur, irrevokat u laqgħet it-talba, spejjeż bla taxxa.

Il-konvenut kien jiddetjeni bi qbiela għalqa li kien krielu missieru; wara l-mewt ta' missieru dik l-għalqa nqasmet bejn il-konvenut, oħtu mart l-attur u ħuh ieħor. L-attur ippretenda li meta qasmu, il-konvenut irrinunzja għall-lokazzjoni. Il-Qorti rriteniet li l-konvenut kien irrinunzja.

**No. 103. Andrew Psaila vs Michael Fava sive Busuttil.**

L-attur talab li jiġi deċiż li hu kien jiddetieni b'lokazzjoni ċerta għalqa.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell tal-konvenut annullat is-sentenza u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti għad-deċiżżjoni, spejjeż ta' l-appell bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-appellat.

L-ewwel Qorti ma kenitx iddeċidiet l-eċċezzjoni dwar l-integrità tal-ġudizzju, u dik l-eċċezzjoni kienet timporta l-possibilità ta' xi kjamata in kawża, li fi kwalunkwe każ setgħet tingħata biss fl-ewwel stanza.

**No. 104. Vincenzina Vella vs Edward Borg.**

L-attriċi talbet l-iżgumbrament tal-konvenut minn parti ta' fond minnu okkupat bla titolu, u billi l-koabitazzjoni bejniethom kienet inkompatibili.

Il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li l-konvenut kellu titolu ta' komodat biex jabita fil-post, pero l-attriċi kellha dritt tittermina dak il-komodat, u ordnat lill-konvenut jiżgombra fi żmien ħmistax.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat. Il-Qorti osservat li meta l-korrispettiv tal-godiment tal-ħaġa ma jkunx jikkonsisti fi flus, fi kwantita ta' derrati, jew f'sehem tal-frottijiet li l-ħaġa tipproduċi, m'hemmx lokazzjoni (Clo. Xuereb vs Salv. Camenzuli App Civ. 12.12.1969, Joseph Schembri vs Ant. Briffa App. Inf. 10.12.1971 u Vol XX.i.96). Il-Qorti osservatukoll li f'dan il-każ lanqas kien hemm komodat.

*Seduta tal-15 ta' Lulju 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 105. Giovanna Zahra vs Mary Caruana.**

Ir-rikorrent talab ir-ripreża tal-fond mikri lill-intimata, għax din ma kinetx qiegħda tabita, u hu kellu bżonnu għan-neputija tiegħu.

Il-Bord tal-Kera laqa' t-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-intimata, irrevokat u ċaħdet it-talba bl-ispejjeż kollha bla taxxa.

Fil-kors ta' l-appell, ir-rikorrent ma kellux bżonn iktar tal-fond; infatti hu ried il-fond għan-neputija, però din kienet ħassret l-għerusija.

*Seduta tas-6 ta' Awissu 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 106. Benedetto Attard et Giuseppa Attard et.**

L-atturi talbu dikjarazzjoni ta' nullità ta' donazzjoni magħmula minn Lorenzo Attard lill-konvenuti ta' dar, u dan għaliex il-konvenuti ma kenux aċċettaw dik id-donazzjoni, u għax Lorenzo Attard ma setax jiddisponi minn dak il-fond.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Lorenzo Attard kien miżżewweġ darbtejn. L-atturi kienu dixxendenti mill-ewwel żwieġ, il-konvenuti kienu uliedu mit-tieni. Il-fond in kwistjoni Lorenzo Attard kien akkwistah fil-kors tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-ewwel żwieġ; u wara l-mewt ta' l-ewwel mara dik il-komunjoni ma kinetx ġiet diviża.

Fuq appell ta' l-atturi l-Qorti ta' l-Appell issoprasjediet sa kemm tiġi likwidata u maqsuma l-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn Lorenzo Attard u l-ewwel mara u pprefiġġiet lill-atturi, terminu biex jipproponu l-azzjoni opportuna fil-Qorti kompetenti. Spejjeż riservati, u osservat: Mal-mewt ta' wieħed mill-konjuġi jinħoloq stat ieħor ta' komunjoni bejn il-konjuġi superstiti u l-eredi tal-predefunt.

Id-disposizzjoni ta' l-art. 1369 li tipprovdi li r-raġel jista' jiddisponi mill-beni tal-komunjoni, salvo li jikkompensa lill-mara, ma tapplikax għall-perijodu ta' wara x-xoljiment tal-komunjoni.

Il-konsorti għandu dritt jaljena l-kwota intellettwali tiegħu imma mhux dak li jiddisponi minn ħaġa determinata appartenenti għall-patrimonju komuni, għax sad-divisjoni jibqa' ncert lil min dik il-ħaġa tista' tmiss.

*Seduta tas-6 ta' Settembru 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 107. Mary Dolores Baker et vs Kenneth Buckingham.**

Il-konvenut kien ottjena mandat ta' impediment tas-safar tal-

persuna ta' iben adottiv ta' l-atturi. L-attriċi qabel kienet miżżewġa mal-konvenut u t-tifel kien binhom.

L-atturi talbu (i) li dak il-mandat kien null, (ii) li jiġi maħruġ kontromandat, (iii) li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għaddanni.

Il-Prim'Awla laqgħet l-ewwel żewġ talbiet u ċaħdet it-tielet; spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru bin-nofs.

Il-konvenut appella u l-atturi appellaw inċidentalment dwar it-tielet talba.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell prinċipali u laqgħet dak inċidentali. Spejjeż 1/6 l-atturi u 5/6 konvenut.

"Bil-mandat in kwistjoni kien ġie impedut milli jsiefer il-minuri li mhux il-persuna li kontra tagħha inħareġ il-mandat, kuntrarjament għal dak li jirrikiedi l-art. 858 Kod. Proċedura Ċivili."

*Seduta tas-16 ta' Settembru 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 108. Josephine Bonello et vs Kummissarju ta' l-Art.**

L-atturi talbu li jiġi deċiż (i) li r-rilokazzjoni tal-Kjosk ma tispiċċax fit-30 ta' Ġunju 1974 imma fil-11 ta' Diċembru 1974, (ii) li l-atturi kellhom dritt tal-preferenza.

Il-Prim'Awla ċaħdet l-ewwel talba u laqgħet it-tieni.

Il-konvenut appella u l-atturi appellaw inċidentalment.

Il-Qorti ta' l-Appell dwar l-appell tal-konvenut illimitat ruħha għas-sempliċi dikjarazzjoni li lill-atturi jikkompeti d-dritt tal-preferenza, u laqgħet l-appell peress li t-tieni talba kienet intempestiva u għalhekk illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għal dawk l-aspetti l-oħra ta' dik id-domanda, u rrespinġiet l-appell ta' l-atturi. Spejjeż kollha bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-atturi.

*Seduta tat-18 ta' Ottubru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 109. Elizabeth Vassallo vs Bartolomeo Xuereb.**

L-attriċi talbet il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M57 għas-senserija.

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attriċi u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

*Seduta tal-21 ta' Ottubru 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 110. Bartolomeo Xuereb vs Victor Gauci.**

Ir-rikorrent talab ir-ripreża tal-ħanut mikri lill-intimat għax dan ma kienx jiftħu, u b'hekk biddel id-destinazzjoni tal-fond.

Il-Bord tal-Kera ċaħad it-talba, bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrent, u kkonfermat, spejjeż bla taxxa, dritt tar-reġistru għall-appellant.

F'dan il-każ il-ħanut kien jinfetaħ f'ċerti ħinijiet u dan minħabba mard serju fil-familja ta' min kien jiftaħ il-ħanut.

*Seduta tal-25 ta' Ottubru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 111. Joseph Vella ne vs John Ripard ne et.**

Il-kumpanija assikuratriċi attriċi kienet ħalset £M438 lid-destinatarju, valur ta' merkanzija importata, li ma ġietx konsenjata lilu, u talbet li l-konvenuti jew min minnhom jiġi kkundannat iħallas £M420 valur ta' dik il-merkanzija.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba fil-konfront tal-konvenut Ripard u lliberat lill-Malta Landing & Shipping Co. Ltd. mit-talba, spejjeż għall-konvenut Ripard.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut Ripard, bl-ispejjeż.

Jeħtieġ li ssir il-prova ta' l-iskrizzjoni ta' dik il-merkanzija u din il-prova trid tkun tali li skond il-liġi tissoddisfa lil min għandu jiġġudika.

**No. 112. Joseph Vella ne vs John Ripard ne et.**

Identika bħal ta' qabel.

**No. 113. Joseph Vella ne vs John Ripard ne et.**

Bħal ta' qabel.

(Awla Ċivili).

**No. 114. Albert Salomone et vs Silvio Campbell.**

L-attur talab li (i) l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli ta' kol-

liżżjoni, (ii) l-likwidazzjoni tad-danni, (iii) u l-kundanna għall-ħlas.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż mingħajr taxxa.

Dan kien każ fortuwitu. Il-Qorti irriteniet li l-konvenut tilef il-bilanċ tal-"motorcycle" u l-kontroll tiegħu, billi inkisret l-għajn tal-molla li żżomm il-"prop stand" stirat f'postu, b'mod li din waqgħet u mbuttat il-"motorcycle" la ġenba u l-konvenut ma kienx responsabbli għall-ksur ta' dik il-molla.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-atturi u kkonfermat, spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-atturi.

Il-konvenut għandu l-piż li jipprova l-każ fortuwitu, però jibqa' dejjem dmir ta' l-attur jipprova n-negliġenza tal-konvenut.

L-ebda wieħed mid-"drivers" ma għandu presunzjoni kontra tiegħu, imma kull wieħed hu preżunt li saq tajjeb sakemm l-ieħor ma jippruvalux in-nuqqas ta' diliġenza ordinarja, traskuraġni, imperizja jew inosservanza tar-regolamenti.

Jekk ikun hemm dubbju fuq il-ħtija tal-konvenut dak id-dubbju jibqa' jimmilita favur tiegħu.

**No. 115. Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Salvino Schembri.**

Ir-rikorrent talab li għat-tenur ta' l-art. 32 Kap. 70 il-Qorti ta' l-Appell tagħti l-istima ta' ċerti fondi.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet it-talba bl-ispejjeż għax il-Kummissarju kien prekluż milli jaġixxi bis-saħħa ta' l-art. 32 għax il-valur tal-propjetà in kwistjoni ma kienx dak denunzjat imma kien ġie determinat bi ftehim bejn il-kontendenti.

*Seduta tat-28 ta' Ottubru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 116. Michael Butler vs Francis Deguara.**

L-attur kien inkariga lill-konvenut jarma li "spare parts" tal-magna tal-car tiegħu u ppretenda li l-konvenut ikkaġunalu ħsara kbira.

L-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas id-danni li jiġu likwidati għal din il-ħsara.

Il-Prim'Awla iddikjarat ruħha inkompetenti għax il-konvenut kien "teacher" u kien jagħmel xi xogħol ta' "mechanic" fl-"ispare time" tiegħu u għalhekk ma kienx kommerċjant.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti l-Prim'Awla, u irrinvjat l-atti lil dik il-Qorti.

**No. 117. Avv. Dr. G.G. Gatt ne vs Paul Mifsud ne et.**

L-attur (kumpanija assikuratriċi) kien irrifonda £M338 lid-destinatarju ta' merkanzija għan-nuqqas fil-merkanzija importata, u talab li l-konvenut jew min minnhom jiġi kkundannat iħalsu £M338 u l-interessi.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba fil-konfront tal-konvenut Mifsud ne u lliberat lill-Caruana nomine, bl-ispejjeż għal Mifsud ne.

Il-Qorti ta' l-Appell irrispinġiet l-appell tal-konvenut Mifsud u kkonfermat bl-ispejjeż.

Ma kienx jista' jingħad li ġie konvinċentement pruvat li l-merkanzija li ġiet "tallied" fl-istiva ġiet effettivament imwassla barra mill-vapur.

Il-konvenut Mifsud kellu jbati wkoll l-ispejjeż tal-konvenut l-ieħor, għax hu kien sostna li l-merkanzija ġiet sbarkata kollha, u għalhekk il-kawża kellha ssir fil-konfront tal-konvenut l-ieħor ukoll.

**No. 118. Avv. Dr. G.G. Gatt ne vs Paul Mifsud ne et.**

Każ identiku għal preċedenti.

**No. 119. Avv. Dr. G.G. Gatt ne vs Paul Mifsud ne et.**

Identiku għal ta' qabel.

(Awla Ċivili).

**No. 120. Joseph Desira vs Dr. J. Filletti ne et.**

L-attur talab ir-risoluzzjoni ta' enfitewsi minħabba morożità.

Il-Prim'Awla iddikjarat ruħha inkompetenti "ratione materiae".

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti il-Qorti tal-Kummerċ u irrinvjat l-atti lil dik il-Qorti.

Il-fatt li b'verbal il-partijiet jaqblu li l-Qorti tkun inkompetenti ma jiddispensax lill-Qorti milli tidħol biex tara jekk in applikazzjoni tal-liġi għal fatti hijiex kompetenti jew le.

**No. 121. Joseph Paris vs John Symes et.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jikkonsenjalu ċ-ċavetta ta' "pram shed" propjetà ta' l-attur, mislufa lill-konvenut 'favur u temporaneament.

Il-Prim'Awla lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju,

spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur.

Fuq appell tal-konvenut il-Qorti ta' l-Appell irriformat billi ċaħdet it-talba kif magħmula għall-konsenja taċ-ċavetta mingħajr preġudizzju ta' kull dritt ieħor spettanti lill-partijiet. Spejjeż ta' l-Appell mingħajr taxxa.

Il-Qorti kienet marbuta mit-termini taċ-ċitazzjoni. Il-konvenut fil-fatt kien ikkonsenja lill-attur dik iċ-ċavetta li kien silfu l-attur, u kien għamel oħrajn bħalha.

*Seduta tat-30 ta' Ottubru 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 122. Joseph Abela vs John Vella.**

Kawża dwar kollizzjoni.

Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba bl-ispejjeż billi l-attur ma ppruvax il-ħtija tal-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat bl-ispejjeż.

**No. 123. Joseph Azzopardi vs Francesco Borg.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat ineħħi l-għoġġiela li abusivament kien iżomm fil-kamra rurali, għax din kellha sservi għall-kenn tal-gabillotti.

Il-Qorti tal-Maġistrati irrispinġiet l-eċċezzjoni li kellhom jiġu msejħa fil-kawża il-konsorti l-oħra fl-użu tal-kamra. Sussegwentement laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

**No. 124. Coronato Sare ne vs John C. Ripard.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M44.54.4 prezz ta' xogħol ta' rħam.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat.

**No. 125. Pawla Vassallo et vs Toni Vassallo.**

L-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat jisgombra mir-remissa mikrija lilha, u minnu okkupata bla titolu.

Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 126. Charles Spiteri vs Lino Cassar.**

Kawża dwar kollizzjoni.
Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba bl-ispejjeż.
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat bl-ispejjeż.
L-attur ma ppruvax, kif kien kompitu tiegħu li jagħmel, li l-kollizzjoni kienet dovuta għal ħtija tal-konvenut.

*Seduta tat-8 ta' Novembru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 127. Philip Grech ne vs John Caruana ne et.**

L-attur talab li jiġi deċiż li l-"cargo receipts" rilaxxati mill-konvenut ne ma jirrispekkjawx il-kwantità effettivament skarikati minn abbord, u li l-merkanzija kollha kienet ġiet skarikata.
Il-Qorti tal-Kummerċ iddikjarat li l-attur iddekada mid-dritt ta' l-azzjoni peress li għaddew iktar minn tnax-il xahar minn meta l-merkanzija ġiet f'idejn il-konvenut, (Art. 45 Ord. XIII 1962).
Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat bl-ispejjeż.

(Awla Ċivili).

**No. 128. Joseph Ebejer vs Alf. Cassano et.**

L-attur talab ħlas għal xogħol ta' dekorazzjoni minnu magħmul f'lukanda.
Il-Prim'Awla iddikjarat ruħha inkompetenti.
Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti il-Qorti tal-Kummerċ.

*Seduta tal-15 ta' Novembru 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 129. John Scicluna ne vs Mary Micallef.**

Il-konvenuta investiet b'car lill-iben minuri ta' l-attur, li sofra debilitazzjoni permanenti. L-attur talab li l-konvenuta tiġi dikjarata responsabbli tad-danni, u l-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' l-istess.
Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet u kkundannat lill-konvenuta għall-ħlas ta' £M4407.50 bl-ispejjeż.
Fuq appell tal-konvenuta il-Qorti ta' l-Appell irriformat u adottat il-ftehim milħuq mill-partijiet. Id-danni ġew ridotti għal £M2907.

**No. 130. James Satariano vs Clo. Micallef.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M399 bilanċ ta' prezz ta' merċi lilu mibjugħa u konsenjati.

Il-Prim'Awla iddikjarat ruħha inkompetenti.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat kompetenti il-Qorti tal-Kummerċ. Il-konvenut kien kummerċjant u l-att kien kummerċjali għalih.

**No. 131. Alfred Grech vs Carmelo Agius et.**

L-attur talab li (i) l-konvenut jiġi dikjarat responsabbili għad-danni minnu sofferti meta l-konvenuti aggredewh, (ii) il-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tad-danni.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet.

Fuq appell ta' l-attur il-Qorti ta' l-Appell irriformat billi laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat lill-konvenut Spiteri responsabbli tad-danni li l-attur sofra, u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti għal likwidazzjoni tad-danni. L-ispejjeż għall-konvenut Spiteri.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 132. George Grech vs Lonzu Zammit.**

L-attur kien inkariga lill-konvenut jagħmillu x-xogħol ta' bejt ta' fond.

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jirripara u jirranġa l-bejt għax ix-xogħol kien sar ħażin, u in difett l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħol hu a spejjeż tal-konvenut.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet, spejjeż bin-nofs.

Il-konvenut appella u fil-kors ta' l-appell il-partijiet ittranseġew il-kawża.

*Seduta tal-20 ta' Novembru 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 133. Emanuel Vento vs Joseph Cardona.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat itih sehmu minn senserija li kien daħħal.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur £M32.50. bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

*Seduta tat-22 ta' Novembru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 134. Edw. Zammit Tabone ne vs AIC Jos. Xuereb ne.**

Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talba biex issir prova teknika.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell b'rikors tal-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell bħala prinċipju, f'materja ta' regolament tal-provi ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, jekk mhux għal raġuni serja.

*Seduta tal-25 ta' Novembru 1974.*

(Awla Ċivili).

**No. 135. Emle. V. Cutajar et ve Saviour Hales et.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jixtri post ta' l-atturi fit-termini ta' konvenju.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba u interpretat patt tal-konvenju fis-sens li żewġt ikmamar kienu propjetà tal-konvenut Pulis, detenuti b'lokazzjoni mill-konvenut Hales; bl-ispejjeż nofshom għall-atturi u nofshom għall-konvenut Pulis.

Il-konvenut Pulis appella u l-atturi appellaw inċidentalment mill-kap ta' l-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' Pulis u rriformat fis-sens li dak il-patt kellu jiġi nterpretat li malli jsir il-kuntratt tal-bejgħ kienet tispiċċa l-lokazzjoni ta' Hales. L-ispejjeż tal-Prim'istanza jitħalsu minn Hales, dawk ta' l-appell nofs mill-attur u nofs minn Hales.

*Seduta tad-29 ta' Novembru 1974.*

(Awla Kummercjali).

**No. 136. Giov. Muscat vs Joseph Scerri.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M510 bilanċ, għal xogħol minnu esegwit fl-interess tal-konvenut.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba limitatament għal £M410.

Fuq appell tal-konvenut il-Qorti ta' l-Appell irriformat fis-sens li rriduċiet għal £M100 l-ammont li l-konvenut kellu jħallas. Spejjeż kollha skond ir-rebħ u telf rispettiv.

Kwistjoni ta' fatti.

**No. 137. Jos. Demanuele vs Fr. E. Spiteri et.**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat biex f'termini ineħħi l-materjal u ġebel li tefa' fil-ġnien ta' l-attur u jagħlaq l-apertura li fetaħ fil-ħajt divisorju.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba fil-konfront tal-konvenut nomine, u lliberat lill-konvenut f'ismu proprju.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut nomine u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 138. Carmena Chircop vs Thomas Abela.**

L-attriċi talbet il-ħlas ta' £M150 għal medjazzjoni jew serviġi li hi rrendiet lill-konvenut fix-xiri ta' villa.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

**No. 139. Avv. Dr. G.G. Gatt ne vs Paul Mifsud ne et.**

Kawża dwar merkanzija li waslet mill-esteru.

L-attur, kumpanija assikuratriċi, talbet li l-konvenuti jew min minnhom jiġi kkundannat iħallas £M412.15.5 li hi ħalset lid-destinatarju tal-merkanzija għal merkanzija li dan ma rċevix.

Il-Qorti tal-Kummerċ ikkundannat lill-konvenut Mifsud ne iħallas £M376.92.9 u lill-konvenut Caruana ne £M35.84.2.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut Mifsud ne.

"Huwa neċessarju li xi ħadd ikun jissorvelja u jikkonstata li l-merkanzija in kwistjoni jew il-merkanzija in ġenerali tkun segwiet il-proċess kollu li jwassal minn l-istiva għall-moll jew għal barkun, sija pure mingħajr in-neċessità li kull partita ta' merkanzija terġa' tiġi kontrollata u identifikata wara li tkun niżlet mill-vapur" (Ara App. Kumm. 17.6.1974 Sidney Gatt vs Alf Zammit Cutajar; 17.11.72 Kapt. R. Aquilina vs Ed. Gatt ne; 24.1.1969 Degiorgio vs Laurenti; 15.11.68 Frendo vs Mifsud).

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet ukoll l-appell tal-konvenut Mifsud li hu ma kellux iħallas l-ispejjeż tal-konvenut l-ieħor.

(Awla Ċivili).

**No. 140. Mary Bezzina vs Emle. Vella.**

Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27/11/72 (No. 154/1972) ik-

konfermat dik tal-Prim'Awla li kkundannat il-konvenut jagħmel xi xogħol f'terminu, u fin-nuqqas awtorizzat lill-attriċi tagħmlu a spejjeż tal-konvenut. It-terminu mogħti lill-konvenut skada, u l-Prim'Awla ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jagħmel ix-xogħol hu. Il-konvenut beda dawn ix-xogħlijiet.

L-attriċi talbet li jiġi deċiż (i) li l-konvenut ma kellux dritt jagħmel ix-xogħol hu, (ii) li l-konvenut jiġi inibit milli jagħmel ix-xogħol, (iii) li l-konvenut jiddemolixxi dak li beda jagħmel, (iv) li l-pjanta esibita mill-konvenut tilledi d-drittijiet tagħha.

Il-Prim'Awla ċaħdet ir-raba' talba, u laqgħet it-talbiet l-oħra.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

"Ma jistax ikun hemm dubbju li fl-obbligazzjonijiet 'di fare' li mhumiex suscettibbli ta' esekuzzjoni speċifika mid-debitur meta l-kreditur ta' l-obbligazzjoni li ma jkunx ġie soddisfatt bl-esekuzzjoni volontarja ta' l-obbligat, jitlob il-kundanna ta' dan biex jagħmel dak li għandu jagħmel fi żmien prefiġġendi, u indifett, jiġi awtorizzat jagħmilhom hu stess a spejjeż ta' l-obbligat, jekk dana d-debitur, iħalli t-terminu għaddej inutilment mingħajr ma jitlob u jottieni d-debita proroga mill-Qorti kompetenti, id-dritt ta' l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet jew obbligazzjonijiet oħra formanti l-oġġett tal-kundanna jgħaddi inderogabilment għand l-attur li jkun, infatti, ġie awtorizzat bis-sentenza li fin-nuqqas ta' l-obbligat, jagħmilhom hu stess a spejjeż ta' dana."

**No. 141. Giov. Farrugia vs Giuseppa Baldacchino.**

L-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tikkonsenjalu l-ktieb ta' l-irċevuti tal-kera, b'sitt riċevuti.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

*Seduta ta' l-4 ta' Diċembru 1974.*

(Sedi Inferjuri).

**No. 142. Lewis Pisani vs Avv. Dr. V. Borg Costanzi ne et.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M14.11 somma rtirita indebitament mir-Reġistru, fejn kienet ġiet depositata wara l-mandat ta' qbid kawtelatorju.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut nomine u kkonfermat.

Fl-esekuzzjoni ta' mandat il-Marixxal irċieva "cheque", li hu sarraf, u ddepożita l-flus. Wara l-Bank talab il-flus 'l ura għax iċ-"cheque" ma ġiex onorat, u l-Marixxal sbanka id-depożitu u rritorna l-flus lill-Bank.

Il-Qorti irriteniet li l-isbank magħmul mill-Marixxal kien null, għax id-depositu kien sar "per rimanere".

**No. 143. Polly Mizzi et vs Ant. Vella.**

L-atturi talbu li l-konvenut jivvaka u jirrilaxxa għalqa minnu miżmuma b'titolu prekarju.

Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba bl-ispejjeż, għax il-konvenut kellu titolu ta' lokazzjoni.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-atturi, bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' kredibilità.

**No. 144. Wilfred Manro ne vs Vincent Arnaud.**

L-attur talab li l-konvenut iħallas £M39.50 li l-attur ħallas għat-tiswija ta' car kaġunata b'tort tal-konvenut f'kollizzjoni.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba għax il-kollizzjoni ġrat b'tort tal-konvenut.

Fuq appell tal-konvenut il-Qorti ta' l-Appell irriformat u rriteniet li l-konvenut kien responsabbli għall-kollizzjoni ta' nofs biss u irriduċiet l-ammont għal £M19.75; spejjeż kollha bin-nofs.

*Seduta tas-6 ta' Diċembru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 145. Angiolina Cauchi et vs Stanislaw Azzopardi.**

L-atturi talbu r-rexissjoni ta' kuntratt ta' dejn.

Il-Prim'Awla laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn (art. 1266 Kod. Ċivili).

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-atturi. L-azzjoni ma kenitx dik ta' simulazzjoni.

(Awla Ċivili).

**No. 146. Joseph Rizzo vs Paul Micallef.**

Kawża dwar kollizzjoni.

Il-Prim'Awla irriteniet lill-konvenut responsabbli f'4/5 u llikwidat id-danni.

Fuq appell ta' l-konvenut il-Qorti ta' l-Appell irriteniet lill-konvenut responsabbli fi kwint biss.

*Seduta tat-13 ta' Diċembru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 147. John Zammit vs Carmelo Bugeja.**

L-attur talab ir-rifużjoni ta' £M200 minnu mħallsa żejda lill-konvenut.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat bl-ispejjeż.

Kwistjoni ta' provi.

(Awla Ċivili).

**No. 148. Anna Galea et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

B'att notarili, l-atturi xtraw minn għand ommhom diversi fondi, u l-konvenut ippretenda li dak l-att kien donazzjoni parzjali u esiġa li l-atturi jagħtu avviż ta' "chargeable transmission" u ried jispezzjona l-fondi. Il-konvenut għamel assessment ex officio.

L-atturi talbu li jiġi dikjarat li dak li kuntratt kien jimporta trasferiment oneruż, u li għalhekk il-konvenut ma setax jikkunsidra l-att bħala donazzjoni parzjali, u li l-ex officio assessment kien null.

Il-Prim'Awla innominat Perit biex jisma' l-fondi, biex hekk jirriżulta jekk verament il-kuntratt kienx wieħed ta' bejgħ.

L-atturi appellaw tant b'rikors, kemm b'nota u petizzjoni.

Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat l-appell b'rikors irritu u null, spejjeż bla taxxa, għax għalkemm l-ewwel Qorti ma għamlet ebda dikjarazzjoni "expressis verbis" però bin-nomina ta' perit ġie aċċettat li l-konvenut seta' fiċ-ċirkostanzi tal-każ jagħmel il-likwidazzjoni "ex officio". Il-Qorti ta' l-Appell dehrilha li dan il-każ hu każ tipiku fejn dak li hu anteċedenti neċessarju tad-dispositiv u li hu ovvjament u ta' bil-fors deduċibbli minnu għandu jitqies neċessarjament involut fl-istess dispositiv u parti minnu fis-sens li fil-każ in ispecie kieku ma ġiex "deċiż" li l-konvenut seta' jagħmel l-assessment "ex officio" ma setax fid-dispositiv jiġi nominat perit.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell b'nota u petizzjoni, irrivokat u laqgħet it-talbiet, bl-ispejjeż kollha għall-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li l-konvenut ma setax jaġixxi unilateralment u jiddikjara hu stess waħdu l-att donazzjoni parzjali biex imbagħad jgħaddi biex jintaxxah "ex officio" bħala tali, iżda dan seta' u kellu jistabbilieh permezz ta' apposita ċitazzjoni quddiem il-Qrati ordinarji.

(Ara Vol. XXV.i.181; XXXI.i.97; XXXII.i.138) (F'dan il-każ il-Qorti ta' l-Appell tat żewġ sentenzi separati waħda għal kull appell.)

*Seduta tas-16 ta' Diċembru 1974.*

(Awla Kummerċjali).

**No. 149. Luke V. Gauci ne vs Jos. Aquilina.**

L-attur kien kera ħanut b'avvjament lill-X u dan ċedih lill-konvenut li ġie rikonoxxut mill-attur. L-attur avża lill-konvenut li ma riedx iġeddidlu l-lokazzjoni.

L-attur talab li (i) jiġi deċiż li l-konvenut kien jokkupa l-fond bla titolu; (ii) li jisgombra mill-fond; (iii) l-konvenut iħallas danni talli baqa' jokkupa l-fond.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet l-eċċezzjoni u ddikjarat li l-lokazzjoni kienet ta' ħanut u iddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, u ċaħdet it-talbiet l-oħra, bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-attur, irrevokat, ċaħdet l-eċċezzjoni, laqgħet l-ewwel u t-tieni talba, u tat lill-konvenut erba' xhur żmien biex jisgombra, u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti bl-ispejjeż għall-konvenut.

"Wieħed irid iħares lejn dak li kien fl-intendiment tal-kontraenti l-oġġett veru u sostanzjali tal-kuntratt u jekk hux ċioè il-bini fih innifsu bħala lokal jew inkella prinċipalment l-azjenda kummerċjali bħala tali ġestita fih (App. Kum. 16.10.72 Emle. Camilleri vs Ant. Deguara u App. Kum. 17.5.1968 Clo. Mallia vs Giov. Falzon).

It-test hu jekk fil-lokażżjoni huwiex kompriż "a business concern".

**No. 150. C. Pace vs Rowey Portanier.**

L-attur talab il-ħlas ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-konvenut appella. Il-konvenut ma kienx xehed u ried jixhed, u hu u l-avukat tiegħu ma setgħux jattendu l-Qorti meta ingħatat is-sentenza.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat bl-ispejjeż.

Il-Qorti irriteniet li fiċ-ċirkostanzi ma setax jingħad li hemm raġuni valida ta' ġustifikazzjoni għal li fis-seduta in kwistjoni ma dehrux la l-appellant u lanqas ebda avukat. (App. Reginald Orwell Jackson vs Ph. Hynes 26.5.69, u App. Salv. Ciangura vs Jos. Mallia 16.4.72). (F'dan il-każ il-konvenut kien marid u l-avukat tiegħu imsiefer).

**No. 151. Carmelo Brincat vs Anthony Borg.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M1200 prezz ta' kompressur u gaffa, bl-imgħax kummerċjali. Il-konvenut kien għamel xi xogħol ta' bini għall-attur, liema xogħol ġie stmat minn Perit li sewa £M859.79.

Il-Qorti tal-Kummerċ ikkundannat lill-konvenut iħallas £M340.21.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż. L-attur ippretenda li hu kellu jieħu wkoll minn għand il-konvenut £M800 għall-prezz ta' "truck"; u għalhekk mill-£M859.79 tax-xogħol, £M800 kellhom jiġu kompensati għall-prezz tat-"truck", u għalhekk kien fadallu jieħu £M800 oħra. Il-Qorti irriservat lill-attur kull dritt talvolta lilu spettanti in konnessjoni mal-kwistjoni tat-"truck". Il-prezz tat-"truck" ma kienx kompriż fiċ-ċitazzjoni.

**No. 152. Conti F. Sant Cassia ne vs Joseph Manro ne.**

L-attur kien xtara van minn għand il-konvenut. Il-van kellu xi difetti, u l-konvenut irranġa dawk id-difetti li kienu koperti minnu b'garanzija.

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni, billi l-attur kellu jikri van ieħor sakemm l-ewwel wieħed issewwa.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba u kkundannat lill-konvenut iħallas £M120 u l-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell tal-konvenut, irrevokat u ċaħdet it-talba, spejjeż kollha bla taxxa, dritt tar-reġistru għall-attur.

L-azzjoni ta' l-attur kienet bażata fuq id-dewmien tal-konvenut fl-eżekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet tiegħu bħala venditur taħt il-klawsola ta' garanzija; din il-garanzija kienet tikkomprendi d-danni reklamati. L-inadempjenza tal-konvenut ma tistax skond il-liġi tirriżulta ħlief mill-kostituzzjoni tiegħu in mora permezz ta' att ġudizzjarju ta' l-attur skond ma jiddisponi l-art. 1173(2) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ il-konvenut ma ġiex kostitwit in mora, u għalhekk kwalunkwe indaġini oħra dwar il-grad tad-diliġenza adoperata mill-konvenut fl-eżekuzzjoni tal-garanzija jew dwar fat-

turi estranei li għalihom l-allegat dewmien tiegħu jista' talvolta jkun attribwibbli tirriżulta superfluwa. (Kollez. Vol. XXXIX.ii.585).

**No. 153. Salvatore Spiteri vs Paolo Borg.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M1450.50 prezz ta' ġebel u materjal mibjugħ u konsenjat lill-konvenut.

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Fuq appell tal-konvenut il-Qorti ta' l-Appell irriformat billi irriduċiet is-somma għal £M14.14. Spejjeż kollha skond ir-rebħ u telf rispettiv.

Il-Qorti irriduċiet il-prezz tal-ġebel għall-pedamenti.

(Awla Ċivili).

**No. 154. Dr. George Degiorgio et ne vs Danny Cremona et ne.**

Il-Malta Electricity Board kien aċċetta tender ta' l-attur nomine għas-"supply ta' distiller" u "pumping plant" u l-atturi kienu bagħtu xi materjal Malta. Wara l-elezzjoni, il-Gvern ma riedx ikompli bil-proġett.

L-atturi issa talbu l-ħlas tad-danni, konsistenti fit-telf ta' profitti li kienu jagħmlu.

Il-Prim'Awla laqgħet l-eċċezzjoni u ddikjarat ruħha inkompetenti mħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, għax skond il-kuntratt kull kwistjoni bejn il-partijiet kellha tiġi riferita lill-arbitru. Spejjeż għall-atturi nomine.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-atturi nomine u kkonfermat bl-ispejjeż u dan in kwantu il-vertenza partikolari li tifforma mertu ta' din il-kawża taqa' fl-ambitu ta' l-imsemmija klawsola arbitrali bħala konoxxibbli mill-arbitru. (Ara wkoll Nutar Dr. Gius. Sammut ne vs. Jos. Preca ne. App. 18.10.71).

**No. 155. Helen Zammit et vs Dr. Alf. Cauchi M.D.**

L-atturi ippretendew li l-konvenut ikkommetta spoll billi għamel "fence" f'parti tar-raba tagħhom, u talbu dikjarazzjoni f'dan issens, u li l-konvenut jirreintegra lill-atturi fil-possess tal-parti tal-għalqa li minnha il-konvenut spossesshom.

Il-Qorti ta' Għawdex (Superjuri, Ċivili) ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-atturi u kkonfermat bl-ispejjeż.

L-atturi ma ppruvawx li kellhom il-possess tal-parti ta' l-art li minnha ippretendew li ġew spoljati.

**No. 156. Francis Coleiro vs Anthony Stellini.**

B'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Coleiro ġie kkundannat jisgombra minn fond, u ġie mogħti fond ieħor fejn Stellini kellu jagħmel alterazzjonijiet strutturali u xi xogħol ieħor.

L-attur issa talab li jiġi deċiż li x-xogħol ordnat b'dik is-sentenza kien għadu ma sarx, u fejn sar ma sarx kif kellu jsir.

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż.

Il-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-appell ta' l-attur u kkonfermat bl-ispejjeż.

Fil-kors ta' l-appell l-attur ippretenda li jressaq bħala xhud lill-perit li kien ġie nnominat mill-ewwel Qorti. Din il-pretensjoni tiegħu ġiet miċħuda.

**No. 157. Rev. Fenech D.C. ne vs Katherine Jackson.**

L-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tneħħi grada, ħwat u pjanti li hi kienet għamlet fi sqaq privat fl-Imdina.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba limitatament għall-ħawt li kien jinsab fil-fond ta' l-isqaq u l-pjanti ta' ġo fih, spejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur.

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell ta' l-atturi bl-ispejjeż. Mill-provi ma kienx jirriżulta li l-konvenuta għamlet il-grada u l-ħwat lamentati; hija kienet poġġiet ħawt wieħed biss.

**No. 158. AIC. Clo. Falzon vs Fr. Pace.**

L-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £M90 għad-drittijiet professjonali.

Il-Prim'Awla laqgħet it-talba bl-ispejjeż.

Il-konvenut appella u fil-kors ta' l-appell il-partijiet ftehmu li l-konvenut iħallas £M45 per sald.

Il-Qorti ta' l-Appell tat sentenza fit-termini tal-ftehim.

*Fil-ħarġa li jmiss, nippublikaw l-indiċijiet ta' din il-ġabra, kif ukoll ġabriet u indiċijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Superjuri u Inferjuri.*